IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.3.2021
COM(2021) 148 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U FINANZJARJU U LILL-KUMITAT TAL-IMPJIEGI

## Rapport dwar l-Istrument Ewropew għal Appoġġ Temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672

## SURE: Rendikont tas-Sitwazzjoni Wara Sitt Xhur

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

*Strument ġdid li jirrispondi għall-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija*

**Dan ir-rapport huwa l-ewwel rapport biannwali dwar l-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE, Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency)** Huwa jirrappreżenta l-operazzjonijiet u l-użu tal-istrument sa issa u jirrieżamina l-impatti soċjoekonomiċi tiegħu. Is-SURE huwa strument ta' kriżi, b'daqs ta' EUR 100 biljun, li ħolqitu l-Unjoni Ewropea (UE) biex tgħin lill-Istati Membri jipproteġu l-impjiegi u l-introjti tal-ħaddiema fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19.

**Is-SURE huwa espressjoni qawwija ta' solidarjetà biex jiġu protetti l-impjiegi u l-attività ekonomika fis-Suq Uniku.** Sabiex is-SURE jkun disponibbli, l-Istati Membri kollha qablu li jipprovdu garanziji bilaterali lill-UE sabiex l-Unjoni tkun tista' tissellef mis-swieq biex tiffinanzja s-self mis-SURE.

**Il-Kummissjoni pproponiet ir-Regolament SURE fit-2 ta' April 2020 bħala parti mir-rispons inizjali tal-UE għall-pandemija.** Il-Kunsill adotta r-Regolament SURE fid-19 ta' Mejju 2020 u l-Istati Membri ppreżentaw l-ewwel talbiet formali tagħhom fil-bidu ta' Awwissu. Madankollu, il-pakkett finanzjarju ta' EUR 100 biljun sar disponibbli fit-22 ta' Settembru 2020, wara li l-Istati Membri kollha ffirmaw il-ftehimiet ta' garanzija. Il-Kummissjoni ħaffet l-implimentazzjoni tal-istrument billi ħadmet mill-qrib mal-Istati Membri u ħejjiet l-arranġamenti amministrattivi u legali kollha (eż. il-ftehimiet ta' self bilaterali) mill-adozzjoni tar-Regolament. B'riżultat ta' dan, l-ewwel żborż sar fit-27 ta' Ottubru, ħames ġimgħat biss wara li l-pakkett finanzjarju sar disponibbli.

**L-UE ħarġet bonds soċjali għall-ewwel darba biex tiffinanzja l-assistenza finanzjarja tas-SURE għall-Istati Membri.** Dan ir-rapport jipprovdi wkoll ir-rapportar rilevanti taħt it-Taqsima 2.4 tal-Qafas għall-Bonds Soċjali SURE tal-UE, b'mod partikolari, dwar l-allokazzjoni u l-impatt tar-rikavati tas-SURE.

*Bidu qawwi*

**Id-domanda mill-Istati Membri għall-assistenza finanzjarja permezz tas-SURE kienet qawwija.** Sa mill-bidu tiegħu, il-Kunsill alloka aktar minn 90 % tal-pakkett totali ta' EUR 100 biljun – abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni – lil 18-il Stat Membru. Barra minn hekk, fis-26 ta' Frar, il-Kummissjoni pproponiet biex jipprovdi wkoll assistenza finanzjarja lill-Estonja. L-Italja (EUR 27,4 biljun), Spanja (EUR 21,3 biljun) u l-Polonja (EUR 11,2 biljun) ngħataw l-akbar tliet ammonti ta' assistenza finanzjarja. L-ammonti li ntalbu fil-bidu tnaqqsu kemxejn biex jiġi osservat il-limitu ta' konċentrazzjoni ta' EUR 60 biljun għal kwalunkwe wieħed mill-akbar tliet benefiċjarji skont ir-Regolament. L-Istati Membri l-oħra ngħataw l-ammonti li talbu: il-Belġju, il-Portugall u r-Rumanija ngħataw bejn EUR 4 biljun u EUR 8 biljun kull wieħed, filwaqt li l-Greċja, l-Irlanda, iċ-Ċekja, is-Slovenja u l-Kroazja ngħataw bejn EUR 1 u 3 biljun. L-Istati Membri li jifdal - is-Slovakkja, il-Litwanja, il-Bulgarija, l-Ungerija, Ċipru, Malta u l-Latvja - kollha ngħataw inqas minn EUR 1 biljun.

**L-ewwel erba' operazzjonijiet ta' ħruġ ta' bonds taħt is-SURE kienu ta' suċċess kbir, u nġabru EUR 53,5 biljun minn Ottubru 2020 sa Jannar 2021.** L-ewwel tranżazzjoni ta' EUR 17-il biljun seħħet b'suċċess fl-20 ta' Ottubru 2020, f'żewġ porzjonijiet. Ħames ġimgħat wara, b'kollox inġabru kważi EUR 40 biljun fuq żewġ tranżazzjonijiet addizzjonali li koprew aktar minn nofs it-talbiet tal-Istati Membri li talbu għal żborżamenti kbar fl-2020. Ir-raba' tranżazzjoni, f'Jannar 2021, ġabret EUR14-il biljun oħra. Kien hemm eċċess sinifikanti ta' applikazzjonijiet mill-investituri għall-ħarġiet, b'medja ta' aktar minn 10 darbiet, li rriżulta f'termini ta' pprezzar favorevoli, inkluż rendimenti negattivi fuq il-bonds b'maturitajiet ta' 15-il sena jew inqas.

*L-użu tas-SURE mill-Istati Membri benefiċjarji*

**Mit-18-il Stat Membru li ngħataw appoġġ permezz tas-SURE, 15-il Stat Membru għamlu dan għal għajnuna sabiex jiffinanzjaw l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.** Ħafna mill-Istati Membri benefiċjarji applikaw ukoll għal appoġġ biex jiffinanzjaw "miżuri simili għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar", u 14-il Stat Membru minnhom qed jiffinanzjaw miżuri biex jappoġġaw lill-ħaddiema għal rashom. Il-miżuri kollha li ressqu l-Istati Membri tqiesu bħala eliġibbli għal għajnuna finanzjarja. Dan kien ir-riżultat ta' involviment bikri mal-Istati Membri biex l-implimentazzjoni tal-istrument tiġi ppjanata u ppreparata malajr kemm jista' jkun, inkluż billi jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Fil-maġġoranza tal-każijiet, l-iskemi appoġġati ta' xogħol b'ħinijiet iqsar huma skemi ġodda stabbiliti b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19. Disa' Stati Membri talbu wkoll assistenza finanzjarja permezz tas-SURE biex jiffinanzjaw nefqiet relatati mas-saħħa li kienu relatati mal-emerġenza tal-COVID-19.

**Fl-2020, is-SURE stima li appoġġa bejn 25 u 30 miljun persuna, li jammontaw għal kwart tal-impjiegi totali fl-Istati Membri benefiċjarji.** Dan ikopri madwar 21½ miljun impjegat u 5 miljun ħaddiem għal rasu u għandu jiġi mqabbel ma' total ta' 35 miljun persuna li bbenefikaw minn skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fl-UE. Abbażi tar-rapportar mill-Istati Membri, huwa stmat li bejn 1½ miljun u 2½ miljun ditta, jew 12 – 16% tad-ditti fl-Istati Membri benefiċjarji, ngħataw appoġġ permezz tas-SURE fl-2020. Madankollu, dan ir-rapportar mhuwiex komplut u huwa irregolari bejn l-Istati Membri.

**Sa tmiem l-2020, 80 % tan-nefqa pubblika totali ppjanata dwar miżuri eliġibbli kienet diġà seħħet.** Ir-rapport jippreżenta l-użu ppjanat u attwali tal-assistenza finanzjarja mogħtija permezz tas-SURE, abbażi ta' *data* rrapportata mill-Istati Membri benefiċjarji kollha ħlief wieħed. Ir-rapportar aġġornat mill-Istati Membri wera xi posponiment tan-nefqa pubblika lejn tmiem il-perjodu. Dawn nefqu inqas milli kien mistenni oriġinarjament fl-2020 u ppjanaw li jonfqu iktar fl-2021 u fl-2022 milli rrapportaw inizjalment f'Awwissu 2020.

**Kważi l-Istati Membri kollha diġà nefqu jew jippjanaw li jonfqu l-ammont totali li ngħataw permezz tas-SURE.** Tliet Stati Membri attwalment jirrapportaw nefqa pubblika ppjanata aktar baxxa mill-ammont li ngħataw permezz tas-SURE. Dawn l-Istati Membri indikaw li diġà ħadu miżuri jew beħsiebhom jeħduhom, jekk ikun meħtieġ, biex jużaw l-assistenza finanzjarja kollha li ngħataw, inkluż, f'xi każijiet, jestendu t-tul tal-miżuri previsti fid-

deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill rispettivi. Partikolarment f'dawn l-Istati Membri, jenħtieġ li jsir monitoraġġ tal-assorbiment tal-fondi.

*L-ewwel valutazzjoni tal-impatt tas-SURE*

**Huwa ċar li ż-żieda fir-rati tal-qgħad fl-2020 fl-Istati Membri benefiċjarji kienet inqas milli waqt il-kriżi finanzjarja globali, minkejja t-tnaqqis aktar sever fil-PDG fl-2020.** Il-kapaċità ta' rispons tal-qgħad għall-bidliet fl-output fl-2020 kienet aktar dgħajfa milli mistenni fl-Istati Membri benefiċjarji, abbażi ta' xejriet storiċi. Iż-żieda aktar baxxa fir-rati tal-qgħad fl-2020 toffri l-ewwel indikazzjoni tas-suċċess tal-miżuri nazzjonali u tal-UE għall-appoġġ tal-politika, inkluż is-SURE.

**L-impatt tas-SURE jmur lil hinn mill-preservazzjoni tal-impjiegi.** Aktarx li s-SURE kkontribwixxa għaż-żieda fil-fiduċja ġenerali fil-kapaċità tal-UE li tirrispondi b'mod effettiv għal kriżi bla preċedent. Permezz tas-SURE, l-UE appoġġat u ħeġġet l-użu ta' politiki ta' xogħol b'ħinijiet aqsar fl-Istati Membri. Il-maġġoranza tal-Istati Membri benefiċjarji indikaw li s-SURE għandu rwol fid-deċiżjoni tagħhom li jadottaw skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew li jimmodifikaw skema eżistenti.

**Bħala element bikri tar-rispons tal-politika tal-UE, is-SURE saħħaħ il-fiduċja tal-Istati Membri biex jissellfu u jonfqu aktar milli kieku kien jagħmlu.** Fi stħarriġ, il-maġġoranza tal-Istati Membri benefiċjarji indikaw li l-appoġġ permezz tas-SURE kellu rwol fiż-żieda temporanja tal-kopertura u l-ġenerożità tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u fil-finanzjament ġenerali tal-politiki biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-COVID-19.

**L-assistenza finanzjarja permezz tas-SURE ġġenerat ukoll iffrankar fuq il-pagamenti tal-imgħax f'għadd ta' Stati Membri.** Is-self mis-SURE ġeneralment offra lill-Istati Membri termini ta' finanzjament aktar favorevoli mill-ħruġ sovran tagħhom stess. B'riżultat ta' dan, huwa stmat li l-Istati Membri ffrankaw total ta'madwar EUR 5,8 biljun matul l-ewwel erba' operazzjonijiet ta' ħruġ tas-SURE, jiġifieri sal-iżborż tat-2 ta' Frar 2021. Billi huwa mistenni li t-termini ta' finanzjament tas-SURE jibqgħu favorevoli, aktarx li żborżamenti ulterjuri jiġġeneraw iffrankar addizzjonali.

*Il-kontinwazzjoni tal-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw lis-SURE*

**Ir-rapport jiddiskuti wkoll il-kontinwazzjoni tal-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-istrument SURE, jiġifieri ż-żieda mill-ġdid tal-infezzjonijiet mill-ħarifa 'l hawn.** Dan, flimkien mat-tfaċċar ta' varjanti ġodda u aktar kontaġjużi tal-coronavirus, ġiegħel lil ħafna Stati Membri jerġgħu jintroduċu jew jissikkaw il-miżuri ta' konteniment. Dawn ir-restrizzjonijiet waqqfu l-irkupru wara li ġie reġistrat li l-attività ekonomika rkuprat fit-tielet trimestru tal-2020. L-irkupru qawwi fl-industrija jikkuntrasta mal-attività dgħajfa fis-servizzi, u l-aħħar restrizzjonijiet għal darb'oħra kellhom impatt qawwi fuq setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema bħall-ospitalità, id-divertiment u t-turiżmu. Filwaqt li huwa mistenni li l-attività terġa' tirpilja b'mod moderat fit-tieni trimestru u b'mod aktar vigoruż fit-tielet trimestru, l-inċertezza u r-riskji marbuta mal-perspettiva ekonomika għadhom għoljin, skont it-Tbassir tax-Xitwa 2021 tal-Kummissjoni.

## INTRODUZZJONI

**L-Unjoni Ewropea (UE) ħolqot l-istrument għall-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) biex tgħin lill-Istati Membri jipproteġu l-impjiegi u l-introjtu tal-ħaddiema matul il-pandemija.** Dan l-istrument isegwi l-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni bħala għodda li tipproteġi liċ-ċittadini tagħna matul xokkijiet esterni[1]. B'mod speċifiku, għandu l-għan li jirrispondi għall-effetti ekonomiċi, soċjali u dawk relatati mas-saħħa diretti tat-tifqigħa tal-COVID-19 billi jipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri li jitolbuha fil-forma ta'self b'kundizzjonijiet favorevoli. Hemm assistenza finanzjarja ta' massimu ta' EUR 100 biljun disponibbli permezz tas-SURE biex tgħin fil-finanzjament tal-iskemi tal-Istati Membri ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili li għandhom l-għan li jipproteġu lill-impjegati u lill-ħaddiema għal rashom, u bħala anċillari, il-miżuri relatati mas-saħħa, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

**Is-SURE jikkomplementa l-isforzi nazzjonali u joffri t-tieni linja ta' difiża biex jipproteġi lill-impjegati u lill-ħaddiema għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad u t-telf ta' introjtu.** Bil-preservazzjoni tar-rabta bejn il-ħaddiema u l-impjegaturi tagħhom, is-SURE jipproteġi wkoll il-kapaċità produttiva tal-ekonomija u, għaldaqstant, huwa mistenni li jikkontribwixxi għal irkupru aktar b'saħħtu tal-attività ekonomika ladarba tgħaddi l-pandemija.

**Il-kisbiet ewlenin tas-SURE sa Frar 2021 huma enfasizzati f'dan ir-rapport u jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:**

- huwa stmat li 25 – 30 miljun persuna u minn 1½ sa 2½ miljun ditta ġew appoġġati permezz tas-SURE
- 18-il Stat Membru ngħataw assistenza finanzjarja permezz tas-SURE u huwa mistenni li jiżdied Stat Membru ieħor dalwaqt.
- Ġew allokati aktar minn EUR 90 biljun u ġew żborżati aktar minn EUR 53 biljun
- Sa issa 5 % tal-assistenza finanzjarja ġiet allokata għal miżuri relatati mas-saħħa
- Diġà seħħet 80 % tan-nefqa pubblika mistennija mill-Istati Membri
- Huwa stmat li l-Istati Membri ffrankaw EUR 5,8 biljun f'pagamenti tal-imgħax

**Dan ir-rapport huwa l-ewwel rapport biannwali dwar is-SURE.** Il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) adottatu f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 (ir-Regolament SURE)[2] biex twettaq l-obbligu tagħha li tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) u lill-Kumitat tal-Impjiegi fi żmien sitt xhur minn meta ġie attivat l-istrument SURE fit-22 ta' Settembru 2020. Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-użu tal-assistenza finanzjarja, inkluż ammonti pendenti u l-iskeda ta' ripagamenti applikabbli taħt is-SURE, u dwar il-kontinwazzjoni taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tar-Regolament SURE (il-pandemija tal-COVID-19). Dan huwa l-ewwel rapport għal dan l-iskop, li l-

[1] Il-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni għall-perjodu mill-2019 sal-2024 ipproponew Skema Ewropea ta' Riassigurazzjoni tal-Benefiċċji tal-Qgħad biex tipproteġi liċ-ċittadini Ewropej u tnaqqas il-pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi waqt xokkijiet esterni.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1 (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020R0672&from=en).

Kummissjoni tadotta. Rapporti sussegwenti se jsegwu kull sitt xhur sakemm jibqa' disponibbli s-SURE[3]. Id-data limitu għall-inklużjoni tal-informazzjoni f'dan ir-rapport kienet is-26 ta' Frar 2021.

**Is-SURE huwa wkoll l-ewwel istanza fejn l-UE toħroġ bonds soċjali biex tiffinanzja l-assistenza finanzjarja tal-UE għall-Istati Membri, u tibni fuq l-impenn tagħha għal finanzjament sostenibbli.** L-UE adottat u ppubblikat Qafas għall-Bonds Soċjali SURE tal-UE (il-Qafas) biex tiffaċilita dan l-impenn[4]. Dan jispjega li r-riżorsi tas-SURE se jintużaw biex jiffinanzjaw miżuri soċjali eliġibbli. It-Taqsima 2.4 ta' dan il-Qafas tirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-allokazzjoni tar-rikavati tas-SURE u l-impatt tagħhom. Dan ir-rapport se jissodisfa wkoll dak l-obbligu.

**Dan ir-rapport jiddeskrivi l-operazzjonijiet u l-użu tal-istrument SURE sa issa u jirrieżamina l-impatti soċjoekonomiċi tiegħu.** Huwa strutturat f'sitt taqsimiet. It-Taqsima I tfakkar il-passi ewlenin li ħadu l-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri biex jistabbilixxu u jimplimentaw is-SURE. It-Taqsima II tiddeskrivi liema Stati Membri jibbenefikaw mill-assistenza finanzjarja permezz tas-SURE, inkluż l-ammonti pendenti mgħotija u żborżati u l-iskedi ta' ripagamenti. It-Taqsima III tiġbor fil-qosor in-nefqa pubblika tal-Istati Membri fuq miżuri nazzjonali appoġġati mis-SURE[5]. Din it-taqsima hija kkomplementata minn ħarsa ġenerali lejn dawn l-iskemi fl-Anness 1. It-Taqsima IV twettaq analiżi preliminari tal-impatt tas-SURE, inkluż l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-impjiegi u l-imgħax li ffrankaw l-Istati Membri minħabba l-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli li tgawdi minnhom l-UE. It-Taqsima V tiddiskuti l-impatt kontinwu tal-pandemija tal-COVID-19 li jiġġustifika l-kontinwazzjoni tas-SURE. It-Taqsima VI tipprovdi r-rapportar rilevanti li ttieħed l-impenn li jsir skont it-Taqsima 2.4 tal-Qafas għall-Bonds Soċjali SURE tal-UE, li ngħaqad f'dan ir-rapport.

## I. L-ISTRUMENT SURE U L-OPERAZZJONALIZZAZZJONI TIEGĦU

**Il-Kummissjoni pproponiet is-SURE fit-2 ta' April 2020 bħala parti mir-rispons inizjali tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 biex tappoġġa lill-Istati Membri[6].** Abbażi ta' din il-proposta, il-Kunsill adotta r-Regolament SURE fid-19 ta' Mejju 2020. Imbagħad, il-Kummissjoni bdiet immedjatament bil-preparamenti tal-passi meħtieġa biex tiżgura li l-istrument SURE jkun jista' jsir disponibbli fil-ħin u jiġi implimentat malajr f'kooperazzjoni mill-qrib mas-27 Stat Membru kollha.

**Sabiex is-SURE jsir disponibbli, l-Istati Membri qablu li jikkontribwixxu b'mod volontarju għall-istrument b'kontrogaranzija għar-riskju mġarrab mill-UE.** L-Unjoni stabbiliet sistema ta' garanziji, iffirmati b'mod volontarju mill-Istati Membri u bħala miżura

[3] L-Artikolu 14(1) tar-Regolament SURE.
[4] https://ec.europa.eu/info/strategy/eu-budget/eu-borrower/eu-borrowing-activities/eu-sure-social-bond-framework_mt
[5] It-Taqsimiet II u III jappartjenu għall-użu ta' assistenza finanzjarja permezz tas-SURE skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament SURE.
[6] Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Strument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-virus COVID-19, COM/2020/139 final. (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2020%3A0139%3AFIN)

skont l-Artikolu 122(1) tat-TFUE. Għal dan l-għan, is-27 Stat Membru kollha qablu li jipprovdu garanzija irrevokabbli, bla kundizzjonijiet u fuq talba għal 25 % tal-pakkett totali tas-SURE ta' EUR 100 biljun, jiġifieri EUR 25 biljun[7]. Bħala tali, is-SURE ma setax ikun disponibbli sakemm is-27 Stati Membri kollha kkonkludew u ffirmaw il-ftehimiet ta' garanzija mal-Kummissjoni fuq bażi bilaterali. Is-sehem ta' kull Stat Membru fl-ammont ġenerali tal-garanziji jikkorrispondi għas-sehem ta' kull Stat Membru fl-introjtu nazzjonali gross tal-UE, f'konformità mal-parti tad-dħul tal-2020 tal-Baġit tal-UE. L-użu tal-garanziji ppermetta l-istabbiliment tas-SURE mingħajr il-ħtieġa ta' ebda kontribuzzjoni bil-quddiem fi flus jew kwalunkwe kapital imħallas mill-Istati Membri.

**It-twaqqif ta' sistema ta' garanziji pprovduti b'mod volontarju mill-Istati Membri kollha tal-UE huwa espressjoni qawwija ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri madwar l-UE.** Dan ippermetta li l-UE tagħti assistenza finanzjarja ta' ordni ta' kobor suffiċjenti biex l-Istati Membri jipproteġu l-impjiegi u l-introjti matul il-kriżi tal-COVID-19. Il-proċessi nazzjonali ta' approvazzjoni tas-27 Stat Membru tlestew matul is-sajf tal-2020. Konsegwentement, is-SURE kien disponibbli fit-22 ta' Settembru 2020.

**Ir-Regolament SURE jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex l-Istati Membri japplikaw għal assistenza finanzjarja permezz tal-istrument.** L-Istati Membri jistgħu jitolbu appoġġ finanzjarju jekk in-nefqa pubblika attwali jew ippjanata tagħhom żdiedet f'daqqa u b'mod sever mill-1 ta' Frar 2020 minħabba l-varar ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex itaffu l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19[8]. Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jagħti assistenza finanzjarja permezz tas-SURE permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (CID, Council Implementing Decision)[9]. Il-perjodu ta' disponibbiltà li matulu tista' tingħata assistenza finanzjarja permezz tal-istrument SURE jintemm fil-31 ta' Diċembru 2022[10].

**Il-Kummissjoni kompliet bl-implimentazzjoni tas-SURE immedjatament wara li l-Kunsill approva r-Regolament.** Hija bdiet tinvolvi ruħha mas-27 Stat Membru kollha immedjatament wara li r-Regolament SURE ġie adottat f'Mejju 2020. Staqsiet jekk l-Istati Membri jitolbux assistenza finanzjarja permezz tas-SURE bil-ħsieb li tippjana u tħejji malajr kemm jista' jkun l-implimentazzjoni tal-istrument ladarba dan isir disponibbli wara l-iffirmar tal-garanziji bilaterali. Wara li rċeviet talbiet formali għall-appoġġ, il-Kummissjoni ppreżentat proposti biex tingħata assistenza finanzjarja lil 15-il Stat Membru fl-24 ta' Awwissu 2020, segwiti bi proposta oħra fil-25 ta' Awwissu. Wara li s-SURE sar disponibbli fit-22 ta' Settembru 2020, il-Kunsill adotta s-CIDs biex jagħti assistenza finanzjarja għas-16-il Stat Membru kollha (ara t-Tabella 1). Fl-aħħar trimestru tal-2020, il-Kunsill adotta żewġ CIDs addizzjonali u sal-lum l-għadd totali ta' Stati Membri benefiċjarji taħt l-istrument SURE jammonta għal 18 b'kollox. Fil-bidu ta' Frar 2021, Stat Membru ieħor applika uffiċjalment għal appoġġ permezz tas-SURE u fis-26 ta' Frar il-Kummissjoni pproponiet li tipprovdilu appoġġ. Din l-iskeda ta' żmien tal-avvenimenti hija spjegata fit-Tabella 1.

---

[7] Ara l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament SURE.
[8] Ara l-Artikolu 3(1) tar-Regolament SURE.
[9] Ara l-Artikolu 6 tar-Regolament SURE.
[10] Ara l-Artikolu 12(3) tar-Regolament SURE.

**Tabella 1: Skeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tas-SURE**

- **it-2 ta' April 2020**
  Il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien tas-SURE
- **id-19 ta' Mejju 2020**
  Il-Kunsill japprova l-proposta u jadotta r-Regolament SURE
- **l-24 ta' Awwissu 2020**
  Il-Kummissjoni pproponiet appoġġ finanzjarju ta' EUR 81,4 biljun għal 15-il Stat Membru: il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja
- **il-25 ta' Awwissu 2020**
  Il-Kummissjoni pproponiet appoġġ finanzjarju ta' EUR 5,9 biljun għall-Portugall
- **it-22 ta' Settembru 2020**
  Is-SURE sar disponibbli
- **il-25 ta' Settembru 2020**
  Il-Kunsill iddeċieda li jagħti appoġġ finanzjarju lil 16-il Stat Membru
- **is-7 ta' Ottubru 2020**
  Il-Kummissjoni pproponiet appoġġ finanzjarju ta' EUR 504 miljun lill-Ungerija
- **it-23 ta' Ottubru 2020**
  Il-Kunsill iddeċieda li jagħti appoġġ finanzjarju ta' EUR 504 miljun lill-Ungerija
- **is-16 ta' Novembru 2020**
  Il-Kummissjoni pproponiet appoġġ finanzjarju ta' EUR 2,5 biljun lill-Irlanda
- **l-4 ta' Diċembru 2020**
  Il-Kunsill iddeċieda li jagħti appoġġ finanzjarju ta' EUR 2,5 biljun lill-Irlanda
- **is-26 ta' Frar 2021**
  Il-Kummissjoni pproponiet appoġġ finanzjarju ta' EUR 230 miljun lill-Estonja

**Kull Stat Membru li jibbenefika minn assistenza finanzjarja permezz tas-SURE ġie mitlub jiffirma ftehim ta' self mal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-karatteristiċi tas-self**[11]. Ir-Regolament SURE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tissellef f'isem l-Unjoni fis-swieq finanzjarji jew ma' istituzzjonijiet finanzjarji, u tista' wkoll tiżborża assistenza finanzjarja mogħtija mill-Kunsill permezz tas-SURE lill-Istati Membri benefiċjarji. Ħafna mill-ftehimiet ta' self (inklużi t-Talbiet għal Fondi u Opinjonijiet Ġuridiċi) ġew iffirmati fl-aħħar trimestru tal-2020, li ppermetta li l-Kummissjoni toħroġ bonds SURE, b'bidu fl-20 ta' Ottubru 2020 meta bi ħruġ inawgurali. Minħabba d-daqs tas-self fis-swieq finanzjarji, dawn il-bonds inħarġu f'porzjonijiet, f'erba' okkażjonijiet sal-aħħar ta' Jannar 2021. Il-fondi li nġabru ġew żborżati lill-Istati Membri f'pagamenti parzjali, fi żmien ġimgħa mill-ħruġ[12]. Il-bonds SURE nħarġu taħt Qafas ġdid ta' Bonds Soċjali tal-UE, billi l-appoġġ li tat l-UE lill-Istati Membri permezz tal-

[11] Ara l-Artikolu 8(2) tar-Regolament SURE.
[12] Ara l-Artikolu 7 tar-Regolament SURE.

istrument isegwi l-objettiv soċjali li jiġu ppreservati l-impjiegi, jiġu sostnuti l-introjti tal-familji u tiġi appoġġata l-ekonomija kollha kemm hi. It-termini favorevoli li l-Kummissjoni kisbet bis-self tagħha għas-SURE ngħaddew direttament lill-Istati Membri permezz ta' self back-to-back[13] (ara t-Taqsima II).

## II. L-UŻU TAL-ASSISTENZA FINANZJARJA PERMEZZ TAS-SURE: L-AMMONTI MOGĦTIJA U ŻBORŻATI U ASPETTI FINANZJARJI OĦRA

Din it-taqsima tagħti ħarsa ġenerali lejn l-Istati Membri benefiċjarji u l-ammonti li ta l-Kunsill kif ukoll l-iżborżi, l-ammonti pendenti u l-iskeda tar-ripagamenti applikabbli.

*(i) Ħarsa ġenerali lejn l-Istati Membri benefiċjarji u l-ammonti mogħtija mill-Kunsill*

**Id-domanda mill-Istati Membri għal assistenza finanzjarja permezz tas-SURE kienet qawwija sa mill-bidu, u ġew allokati aktar minn 90 % tal-pakkett totali ta' EUR 100 biljun.** Tmintax-il Stat Membru applikaw għal assistenza finanzjarja, u l-Kunsill tahielhom, għal ammont totali ta' EUR 90,3 biljun (ara t-Tabella 2). Fi Frar 2021 Stat Membru ieħor (id-19-il wieħed) talab assistenza finanzjarja permezz tas-SURE[14].

**L-Italja (EUR 27,4 biljun), Spanja (EUR 21,3 biljun) u l-Polonja (EUR 11,2 biljun) ngħataw l-akbar tliet ammonti għall-assistenza finanzjarja.** Kollettivament, dawn l-akbar tliet Stati Membri laħqu l-limitu ta' konċentrazzjoni tas-SURE, li jispeċifika li s-selfiet maħruġa lit-tliet Stati Membri li jirrappreżentaw l-akbar sehem mis-self ma għandux jaqbeż 60 % tal-pakkett totali ta' EUR 100 biljun, jiġifieri EUR 60 biljun [15].

---

[13] Fis-self back-to-back, il-Kummissjoni tissellef f'isem l-Unjoni u ssellef lill-Istati Membri bl-istess kundizzjonijiet.

[14] Fis-26 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni ħarġet proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti appoġġ temporanju permezz tar-Regolament SURE lill-Estonja għal ammont ta' EUR 230 miljun (COM/2021/104 final).

[15] L-Artikolu 9(1) tar-Regolament SURE. Il-limitu ta' konċentrazzjoni jfisser li dawn it-tliet Stati Membri mhu se jkunu jistgħu jitolbu ebda appoġġ addizzjonali, u l-ebda Stat Membru ieħor mhu se jkun jista' jissellef total ikbar minn EUR 11,2-il biljun (it-tielet l-akbar sehem li ngħata sa issa), għax dan jaqbeż il-limitu ta' 60 %.

**Tabella 2: Ħarsa ġenerali lejn l-appoġġ li ngħata permezz tas-SURE**

| *Stat Membru* | *Ammont mogħti (EUR)* | *Data tal-Għoti* | *Referenza tas-CID* |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 7 803 380 000 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1342 |
| Il-Bulgarija | 511 000 000 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1343 |
| Ċipru | 479 070 000 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1344 |
| Iċ-Ċekja | 2 000 000 000 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1345 |
| Il-Greċja | 2 728 000 000 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1346 |
| Spanja | 21 324 820 449 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1347 |
| Il-Kroazja | 1 020 600 000 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1348 |
| L-Italja | 27 438 486 464 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1349 |
| Il-Litwanja | 602 310 000 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1350 |
| Il-Latvja | 192 700 000 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1351 |
| Malta | 243 632 000 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1352 |
| Il-Polonja | 11 236 693 087 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1353 |
| Il-Portugall | 5 934 462 488 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1354 |
| Ir-Rumanija | 4 099 244 587 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1355 |
| Is-Slovenja | 1 113 670 000 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1356 |
| Is-Slovakkja | 630 883 600 | Settembru 2020 | CID (UE) 2020/1357 |
| L-Ungerija | 504 330 000 | Ottubru 2020 | CID (UE) 2020/1561 |
| L-Irlanda | 2 473 887 900 | Diċembru 2020 | CID (UE) 2020/2005 |
| **Total** | **90 337 170 575** | | |

*(ii) L-iżborż, l-ammonti pendenti u l-iskeda tar-ripagamenti applikabbli*

**Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-operazzjonijiet mutwatarji.** F'konformità mar-Regolament SURE, il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tissellef riżorsi fis-swieq tal-kapital jew mal-istituzzjonijiet finanzjarji f'isem l-Unjoni biex tiffinanzja s-selfiet mogħtija permezz tas-SURE (self back-to-back)[16].

**Il-Kummissjoni bdiet tissellef riżorsi f'isem l-UE fis-swieq kapitali billi ħarġet bonds soċjali ftit wara li ġew iffirmati l-ftehimiet dwar is-self f'Ottubru 2020.** Il-ħruġ tal-bonds ipproċeda abbażi ta' sensiela ta' tranżazzjonijiet finanzjarji. Sa issa twettqu total ta' erba' tranżazzjonijiet, kif hawn spjegat hawn taħt. Il-ħruġ kien ta' suċċess kbir, b'interess qawwi mill-investituri li rriżulta f'termini ta' pprezzar favorevoli fis-segmenti kollha (ara t-Tabella 3). Fl-aħħar ta' Frar 2021, total ta' 15-il Stat Membru rċevew EUR 53,5 biljun f'erba' żborżi, li jirrappreżenta 59 % mill-fondi ta' EUR 90,3 biljun mitluba. Il-bonds soċjali tas-SURE nħarġu b'maturitajiet li jvarjaw minn 5 snin sa 30 sena, u dan jirriżulta fi żborżi lill-Istati Membri b'maturità medja ta' 14,5-il sena[17]. It-Tabella 5 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-ammonti żborżati lill-Istati Membri sa issa, skont it-tranżazzjoni tas-self u l-maturità. Tiddeskrivi wkoll l-ammonti pendenti li għadhom iridu jiġu żborżati lil kull Stat Membru.

[16] L-Artikolu 4 tar-Regolament SURE.
[17] L-Artikolu 2(1) ta' kull wieħed mid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jispeċifika li s-self tal-Unjoni lill-Istat Membru għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.

**Tabella 3: Statistiki ewlenin tat-Tranżazzjonijiet tas-Self tal-UE permezz tas-SURE (EUR)**

| Tranżazzjoni | SURE #1 | | SURE #2 | | SURE #3 | SURE #4 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Data | 20 Ott 2020 | | 10 Nov 2020 | | 24 Nov 2020 | 26 Jan 2021 | |
| Segment | 10 snin | 20 sena | 5 snin | 30 sena | 15-il sena | 7 snin | 30 sena (tap) |
| Daqs tal-bond | 10 bn | 7 bn | 8 bn | 6 bn | 8,5 bn | 10 bn | 4 bn |
| Rendiment | -0,238 % | 0,131 % | -0,509 % | 0,317 % | -0,102 % | -0,497 % | 0,134 % |
| Marġni | MS + 3 punti bażi | MS +14-il punt bażi | MS - 9 punti bażi | MS + 21 punt bażi | MS - 5 punti bażi | MS - 16-il punt bażi | MS + 5 punti bażi |
| Konċessjoni ta' Ħruġ Ġdid | + 1 punt bażi | + 2 punti bażi | + 1,5 punt bażi | + 2,5 punti bażi | + 1 punt bażi | + 1 punt bażi | + 1 punt bażi |
| Domanda totali tal-investituri | 145 bn | 88 bn | 105 bn | 70 bn | 114 bn | 83 bn | 49 bn |
| Proporzjon ta' talbiet riċevuti u talbiet aċċettati (bid-to-cover ratio) | 15 | 13 | 13 | 12 | 13 | 8 | 12 |

Nota: Dawn l-istatistiki jirreferu għas-selfiet tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. MS tirreferi għar-rati tal-midswap. Il-konċessjoni ta' ħruġ ġdid tirreferi għall-primjum imħallas lill-investituri li jixtru bond ta' ħruġ ġdid fuq il-firxa li fiha l-bonds korrispondenti jkunu mistennija li jiġu nnegozjati fis-suq sekondarju.

**L-ewwel tranżazzjoni SURE ta' EUR 17-il biljun seħħet b'suċċess fl-20 ta' Ottubru 2020, f'żewġ porzjonijiet.** Il-ħruġ kien jikkonsisti f'żewġ bonds, b'EUR 10 biljun li għandhom jitħallsu lura f'Ottubru 2030 u b'EUR 7 biljun li għandhom jitħallsu lura fl-2040. L-investituri wrew interess qawwi ħafna f'dan l-istrument bi klassifikazzjoni għolja, u t-talba għall-bonds kienet 13-il darba aktar minn dak li nħareġ għall-bejgħ. Fis-27 ta'Ottubru 2020, il-fondi ġew żborżati lill-Italja, il-Polonja u Spanja.

**It-tieni tranżazzjoni SURE ġiet eżegwita fl-10 ta'Novembru 2020 għal ammont totali ta' EUR 14-il biljun**. Dan il-ħruġ inqasam ukoll fuq żewġ maturitajiet distinti: EUR 8 biljun dovuti f'Novembru 2025 u EUR 6 biljun dovuti f'Novembru 2050. Il-fondi ġew żborżati lill-Kroazja, Ċipru, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, is-Slovenja u Spanja.

**It-tielet tranżazzjoni, b'porzjon wieħed, ġiet eżegwita b'suċċess fl-24 ta' Novembru 2020 għal EUR 8,5 biljun bond dovut f'Lulju 2035.** Il-bond soċjali ta' 15-il sena ġabar l-akbar ktieb tal-ordnijiet li qatt kien hemm għal kwalunkwe ħruġ ta' parametru referenzjarju ta' segment wieħed u stampa l-akbar daqs ta' tranżazzjoni ta' 15-il sena fl-ispazju tas-Sovrani, Supranazzjonali u Aġenziji (SSA) li qatt kien hemm sal-lum. Il-fondi ġew żborżati lill-Belġju, l-Ungerija, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovakkja fl-1 ta' Diċembru 2020.

**Ir-raba' tranżazzjoni u l-ewwel waħda tal-2021 twettqet, b'porzjon doppju, fis-26 ta' Jannar 2021**. Il-bond soċjali ta' EUR 14-il biljun inqasam bejn EUR 10 biljun dovuti f'Ġunju 2028 u tap ta' EUR 4 biljun għall-bond eżistenti dovuti f'Novembru 2050. It-talba għall-bonds kienet aktar minn 8 u 12-il darba aktar minn dak li ħareġ għall-bejgħ, rispettivament, u l-bond ta' seba' snin ġie pprezzat b'rendiment negattiv ta' -0,497 % filwaqt li l-bond ta' 30 sena ġie

pprezzat għal 0,134 %, li huwa riżultat pożittiv għal din il-maturità. Fit-2 ta' Frar 2021, il-fondi ġew żborżati lill-Belġju, Ċipru, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja, is-Slovenja, Spanja, il-Greċja u l-Italja.

**Ir-rapportar dwar l-iskeda tar-ripagamenti hija ppreżentata fit-Tabella 4.** Ir-ripagamenti tal-kapital tas-self huma dovuti bejn l-2025 u l-2050. Il-pagamenti tal-imgħax huma dovuti kull sena.

**Tabella 4: Skeda tar-ripagamenti tas-Self Pendenti tal-UE permezz tas-SURE**

| Sena kalendarja | Kapital | Mgħax | Total SURE |
|---|---|---|---|
| 2021 | | 32,960,000 | 32 960 000 |
| 2022 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2023 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2024 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2025 | 8 000 000 000 | 37 000 000 | 8 037 000 000 |
| 2026 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2027 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2028 | 10 000 000 000 | 37 000 000 | 10 037 000 000 |
| 2029 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2030 | 10 000 000 000 | 37 000 000 | 10 037 000 000 |
| 2031 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2032 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2033 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2034 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2035 | 8 500 000 000 | 37 000 000 | 8 537 000 000 |
| 2036 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2037 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2038 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2039 | | 37 000 000 | 37 000 000 |
| 2040 | 7 000 000 000 | 37 000 000 | 7 037 000 000 |
| 2041 | | 30 000 000 | 30 000 000 |
| 2042 | | 30 000 000 | 30 000 000 |
| 2043 | | 30 000 000 | 30 000 000 |
| 2044 | | 30 000 000 | 30 000 000 |
| 2045 | | 30 000 000 | 30 000 000 |
| 2046 | | 30 000 000 | 30 000 000 |
| 2047 | | 30 000 000 | 30 000 000 |
| 2048 | | 30 000 000 | 30 000 000 |
| 2049 | | 30 000 000 | 30 000 000 |
| 2050 | 10 000 000 000 | 30 000 000 | 10 030 000 000 |
| **Total** | **53 500 000 000** | **1 035 960 000** | **54 535 960 000** |

## Tabella 5: Żborżi lill-Istati Membri permezz tas-SURE (f’biljuni ta’ EUR)

| Pajjiż | Ammont inizjali tas-selfa | L-ewwel ħruġ tal-UE permezz tas-SURE Tranżazzjoni: 20.10.2020 Żborż: 27.10.2020 | | | It-tieni ħruġ tal-UE permezz tas-SURE Tranżazzjoni: 10.11.2020 Żborż: 17.11.2020 | | | It-tielet ħruġ tal-UE permezz tas-SURE Tranżazzjoni: 24.11.2020 Żborż: 01.12.2020 | Ir-raba’ ħruġ tal-UE permezz tas-SURE Tranżazzjoni: 26.01.2021 Żborż: 02.02.2021 | | | Total SURE | % tat-total mitlub | Maturità medja (snin) | Ammont pendenti li għandu jiġi żborżat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 10 snin | 20 sena | Total | 5 snin | 30 sena | Total | 15-il sena | 7 snin | 30 sena | Total | | | | |
| Il-Belġju | 7,80 | | | | | | | **2,0** | 1,3 | 0,7 | **2,0** | **4,0** | **51 %** | **14,9** | 3,8 |
| Il-Bulgarija | 0,51 | | | | | | | | | | | | | | 0,5 |
| Ċipru | 0,48 | | | | 0,2 | 0,1 | **0,3** | | 0,2 | 0,1 | **0,2** | **0,5** | **100 %** | **14,7** | 0,0 |
| Iċ-Ċekja | 2,00 | | | | | | | | | | | | | | 2,0 |
| Il-Greċja | 2,73 | | | | 1,0 | 1,0 | **2,0** | | 0,7 | | **0,7** | **2,7** | **100 %** | **14,8** | 0,0 |
| Spanja | 21,32 | 3,5 | 2,5 | **6,0** | 2,9 | 1,2 | **4,0** | | | 1,0 | **1,0** | **11,0** | **52 %** | **14,9** | 10,3 |
| Il-Kroazja | 1,02 | | | | 0,3 | 0,2 | **0,5** | | | | **0,0** | **0,5** | **50 %** | **13,3** | 0,5 |
| L-Ungerija | 0,50 | | | | | | | **0,2** | 0,2 | 0,1 | **0,3** | **0,5** | **100 %** | **14,7** | 0,0 |
| L-Irlanda | 2,47 | | | | | | | | | | | | | | 2,5 |
| L-Italja | 27,44 | 5,5 | 4,5 | **10,0** | 3,1 | 3,4 | **6,5** | | 4,5 | | **4,5** | **21,0** | **76 %** | **14,0** | 6,5 |
| Il-Litwanja | 0,60 | | | | 0,2 | 0,1 | **0,3** | | | | **0,0** | **0,3** | **50 %** | **13,3** | 0,3 |
| Il-Latvja | 0,19 | | | | 0,1 | 0,0 | **0,1** | | 0,0 | 0,0 | **0,1** | **0,2** | **100 %** | **14,8** | 0,0 |
| Malta | 0,24 | | | | 0,1 | 0,0 | **0,1** | | | | **0,0** | **0,1** | **49 %** | **13,3** | 0,1 |
| Il-Polonja | 11,24 | 1,0 | | **1,0** | | | | | 2,6 | 1,7 | **4,3** | **5,3** | **47 %** | **14,9** | 6,0 |
| Il-Portugall | 5,93 | | | | | | | **3,0** | | | **0,0** | **3,0** | **51 %** | **14,6** | 2,9 |
| Ir-Rumanija | 4,10 | | | | | | | **3,0** | | | **0,0** | **3,0** | **73 %** | **14,6** | 1,1 |
| Is-Slovenja | 1,11 | | | | 0,2 | | **0,2** | | 0,5 | 0,4 | **0,9** | **1,1** | **100 %** | **14,8** | 0,0 |
| Is-Slovakkja | 0,63 | | | | | | | **0,3** | | | **0,0** | **0,3** | **48 %** | **14,6** | 0,3 |
| **Total** | **90,3** | **10,0** | **7,0** | **17,0** | **8,0** | **6,0** | **14,0** | **8,5** | **10,0** | **4,0** | **14,0** | **53,5** | **59 %** | **14,5** | **36,8** |

## III. L-UŻU TAL-ISTRUMENT SURE: NEFQA PUBBLIKA U MIŻURI NAZZJONALI KOPERTI MIS-SURE

Din it-taqsima tiġbor fil-qosor in-nefqa pubblika u l-miżuri nazzjonali mill-Istati Membri koperti mis-SURE.

### *3.1 Nefqa attwali u ppjanata appoġġata mis-SURE*

**Din it-taqsima tiddeskrivi l-użu ppjanat u attwali tal-assistenza finanzjarja mogħtija permezz tas-SURE, abbażi ta' *data* rrapportata minn 17-il Stat Membru lill-Kummissjoni.**[18] L-Istati Membri benefiċjarji għandhom jużaw l-assistenza finanzjarja permezz tas-SURE primarjament b'appoġġ għall-iskemi tagħhom ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili, speċjalment għall-ħaddiema għal rashom, u, fejn applikabbli, b'appoġġ għal miżuri rilevanti relatati mas-saħħa, b'mod partikolari dawk fuq il-post tax-xogħol[19]. L-ewwel se tiġi ppreżentata l-allokazzjoni tan-nefqa pubblika, segwita mill-istima tal-kopertura tal-impjegati u tad-ditti tas-SURE. Il-preżentazzjoni se tkun ibbażata fuq żewġ iterazzjonijiet ta' rapportar mill-Istati Membri: f'Awwissu 2020 fiż-żmien tat-talba tagħhom għal assistenza finanzjarja permezz tas-SURE ("rapportar inizjali"), u għal darb'oħra fl-aħħar ta' Jannar u fil-bidu ta' Frar 2021 ("rapportar aġġornat"). L-informazzjoni hija ppreżentata kif irrapportawha l-Istati Membri[20].

**L-ewwel nett, fl-aħħar tal-2020, 80 % tan-nefqa pubblika totali ppjanata dwar miżuri eliġibbli kienet diġà seħħet**[21]. L-assistenza finanzjarja permezz tas-SURE ngħatat biex tgħin lill-Istati Membri jlaħħqu ma' żidiet f'daqqa u severi fin-nefqa pubblika attwali li ilhom jesperjenzaw mill-1 ta' Frar 2020 minħabba l-implimentazzjoni ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex jindirizzaw l-effetti soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19. Ippermettiet ukoll li l-assistenza finanzjarja tintuża għal żidiet ippjanati fin-nefqiet pubbliċi fuq dawn il-miżuri. F'Ġunju 2020, in-nefqa pubblika mġarrba appoġġata mis-SURE kienet tinkludi 46 % tan-nefqa pubblika totali, u din iċ-ċifra telgħet għal 80 % f'Diċembru 2020. Il-Graff 1 turi l-evoluzzjoni ta' dan il-proporzjon mill-introduzzjoni tas-SURE.

---

[18] Iċ-Ċekja ma pprovdietx rapportar aġġornat skont l-Artikolu 11 tar-Regolament SURE sad-data limitu, għaldaqstant id-*data* kollha relatata maċ-Ċekja hija bbażata fuq ir-rapportar inizjali f'Awwissu 2020.

[19] Ara l-Artikolu 3(2) u 1(2) tar-Regolament SURE.

[20] Għadhom ma tqisux miżuri ġodda ppreżentati mill-Istati Membri fiż-żmien tar-rapportar aġġornat billi dawn għadhom ma ġewx ivvalutati f'termini ta' eliġibbiltà.

[21] Il-miżuri eliġibbli huma dawk deskritti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament: skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili, u bħala anċillari, il-miżuri relatati mas-saħħa.

**Graff 1: Evoluzzjoni ta' kull xahar tan-nefqa pubblika permezz tas-SURE (imġarrba u ppjanata)**




Nota: In-nefqa kemxejn negattiva f'Lulju 2021 hija dovuta għal pagamenti kbar mistennija mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'appoġġ għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar f'dak ix-xahar.

**It-tqabbil tar-rapportar inizjali u aġġornat mill-Istati Membri juri li dawn nefqu inqas milli kien mistenni oriġinarjament fl-2020.** L-istima tan-nefqa pubblika attwali bejn Frar u Ġunju 2020 naqset b'EUR 1,3 biljun fl-aktar rapport riċenti (ara l-Graff 2). Fiż-żmien meta l-Istati Membri applikaw għas-SURE, dawn stennew li jonfqu EUR 90,0 biljun fuq miżuri eliġibbli għas-SURE matul l-2020. Fl-aħħar mill-aħħar dawn nefqu EUR 79,3 biljun, EUR 9,6 biljun inqas milli stennew.

**Ir-rapportar aġġornat mill-Istati Membri wera xi posponiment tan-nefqa pubblika lejn tmiem il-perjodu.** Nofs l-Istati Membri ġarrbu nefqa pubblika ogħla fl-ewwel nofs tal-2020 milli stmaw f'Awwissu 2020, filwaqt li nofs l-Istati Membri ġarrbu inqas (ara l-Graff 3). Fiż-żewġ Stati Membri bl-ogħla żieda fin-nefqa fl-ewwel nofs tal-2020, in-nefqa mbagħad naqset fit-tieni nofs tas-sena. Disa' Stati Membri rrapportaw nefqa pubblika aktar baxxa fit-tieni nofs tal-2020 milli kien mistenni fil-bidu. F'ħafna każijiet, dan huwa assoċjat ma' nefqa ppjanata ogħla fl-2021. Madankollu, żewġ Stati Membri ppjanaw ukoll li jonfqu inqas fl-2021.

**Fir-rapportar aġġornat, l-Istati Membri ppjanaw li jonfqu aktar fl-2021 u fl-2022 milli rrapportaw inizjalment f'Awwissu 2020.** In-nefqa pubblika ppjanata fuq il-miżuri eliġibbli fl-2021 żdiedet minn EUR 7,4 biljun fir-rapportar inizjali f'Awwissu 2020 għal EUR 19,8-il biljun fir-rapportar ta' Jannar 2020 (ara l-Graff 2). Żewġ Stati Membri biss ippreżentaw nefqa pubblika ppjanata fl-2022 (EUR 1,3 biljun) fir-rapportar aġġornat. Issa hija mistennija nefqa pubblika totali fuq miżuri eliġibbli madwar l-Istati Membri benefiċjarji ta' EUR 99,1 biljun, li hija ogħla mill-ammont totali mogħti permezz tas-SURE sa issa. Dan huwa konformi man-natura komplementari tal-istrument SURE, jiġifieri li dan jikkomplementa l-finanzjament nazzjonali tal-appoġġ għall-impjiegi. Xi Stati Membri qed jippjanaw li jonfqu aktar fuq dawn il-miżuri milli talbu assistenza finanzjarja lis-SURE, inkluż dawk li laħqu l-limitu ta' konċentrazzjoni tas-SURE.

**Graff 2: Nefqa pubblika rrapportata aggregata**




**Graff 3: Differenza fin-nefqa pubblika mġarrba bejn rapportar inizjali u aġġornat (% tal-ammont tas-selfa)**




Nota: L-Irlanda applikat għal assistenza finanzjarja permezz tas-SURE fis-27 ta' Ottubru 2020 u r-rapportar ma nbidilx bejn it-tabelli inizjali u dawk aġġornati. Iċ-Ċekja ma pprovdietx tabella tar-rapportar aġġornat qabel id-data limitu.

**Kważi l-Istati Membri kollha diġà nefqu jew jippjanaw li jonfqu l-ammont totali li ngħataw permezz tas-SURE.** Attwalment, 15-il Stat Membru nefqu jew jippjanaw li jonfqu aktar mill-assistenza finanzjarja attwali li rċevew permezz tas-SURE fuq il-miżuri eliġibbli (ara l-Graff 4). Dan ifisser li, miġbura flimkien, l-Istati Membri se jonfqu aktar fuq skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili mill-ammont li applikaw għalih permezz tal-assistenza finanzjarja tas-SURE. Madankollu, tliet Stati Membri irrapportaw nefqa ppjanata aktar baxxa fuq il-miżuri pprovduti fis-CIDs rispettivi mill-ammont li ngħataw permezz tas-SURE. Dan huwa bbażat fuq ir-rapportar aġġornat mill-Istati Membri, li indikaw ukoll li dawn diġà ħadu passi jew beħsiebhom jeħduhom, jekk ikun meħtieġ, biex jużaw l-assistenza finanzjarja kollha li ngħataw

permezz tas-SURE, inkluż, f'xi każijiet, jestendu t-tul tal-miżuri previsti fis-CIDs rispettivi. Il-Kummissjoni se tivvaluta kwalunkwe bidla fin-nefqa ppjanata, kif imressqa mill-Istati Membri, biex jiżguraw li dawn jibqgħu allinjati mal-iskop tas-SURE u tipproponi emendi għas-CIDs fejn ikun xieraq.

**Graff 4: Eċċess tan-nefqa pubblika ppjanata u mġarrba fuq l-ammont tas-selfa (% tal-ammont tas-selfa)**




**Graff 5: Sehem tan-nefqa pubblika relatata mas-saħħa**




Nota: Nefqa pubblika tirreferi għal dawk irrapportati, mingħajr aġġustament għal-limitu ta' konċentrazzjoni, fuq il-miżuri kif previsti fis-CIDs, jiġifieri kull miżura ġdida li rrappurtaw l-Istati Membri li mhijiex fis-CIDs hija eskluża. Id-*data* hija rrapportata skont it-tabelli ta' rappurtar li ppreżentaw l-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri b'nuqqasijiet, kif jidher fil-Graff 4, beħsiebhom jużaw l-ammont sħiħ li ngħataw permezz tas-SURE. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Taljani nnutaw li dawn jippjanaw li jonfqu l-ammont sħiħ li ngħataw. B'referenza għall-Graff 5, it-talba inizjali tal-Ungerija għal assistenza finanzjarja kienet limitata għal 49 % tan-nefqa fuq miżuri relatati mas-saħħa billi dawn huma anċillari, u għaldaqstant ma setgħux jilħqu nofs jew aktar mill-ammont totali li ngħataw permezz tas-SURE. Fir-rapportar aġġornat, u bħal fil-maġġoranza tal-Istati Membri benefiċjarji, in-nefqa pubblika totali fuq il-miżuri eliġibbli permezz tas-SURE se taqbeż l-ammont massimu mogħti permezz tas-SURE (u jenħtieġ li jkun iffinanzjat b'mod nazzjonali, jew bi strumenti oħra). Fil-każ speċifiku tal-Ungerija, dan l-eċċess huwa aktar minn proporzjonalment dovut għal miżuri relatati mas-saħħa, u dan jispjega ż-żieda fil-proporzjon relatat mas-saħħa ta' aktar minn 50 %.

**L-Istati Membri użaw ħafna mill-assistenza finanzjarja permezz tas-SURE b'appoġġ għall-miżuri tas-suq tax-xogħol, b'għadd limitat ta' Stati Membri li użawha wkoll għal miżuri relatati mas-saħħa.** Miġbura flimkien, sa issa 5 % tal-assistenza finanzjarja permezz tas-SURE ġiet allokata għal miżuri relatati mas-saħħa, u 10 Stati Membri biss użaw l-assistenza finanzjarja għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili (ara l-Graff 5). Ir-Regolament SURE jippermetti l-finanzjament ta' miżuri relatati mas-saħħa bħala anċillari. Fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-assistenza finanzjarja sa issa, l-ebda Stat Membru ma ngħata sehem ta' miżuri relatati mas-saħħa ta' aktar minn 49 %[22].

[22] Il-Kummissjoni konsistentement tat parir lill-Istati Membri, bilateralment u fil-Kunsill, li dawn il-miżuri ma għandhomx jaqbżu 15 % tal-ammont li jingħataw.

**L-assistenza finanzjarja permezz tas-SURE hija ugwali għal 2,8 % tal-pagi tal-impjegati u l-ħaddiema għal rashom madwar l-Istati Membri benefiċjarji fl-2020[23].** Dan is-sehem ivarja minn 0,8 % għal 5,3 % madwar l-Istati Membri (ara l-Graff 6). L-assistenza finanzjarja hija wkoll ekwivalenti għal 1,5 % tal-PDG tal-Istati Membri benefiċjarji.

**Graff 6: Ammont tas-self % tal-pagi tal-impjegati u tal-ħaddiema għal rashom għal kull Stat Membru**




Nota: Il-pagi hawnhekk jitkejlu bħala kumpens lill-impjegati u surplus operatorju gross + introjtu mħallat tal-unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu l-unitajiet domestiċi (il-pagi tal-ħaddiema għal rashom). L-istimi tal-2020 ittieħdu mit-Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa 2020 tal-Kummissjoni Ewropea.

### *3.2 Il-kopertura tas-SURE f'termini ta' persuni impjegati u ditti*

**Fl-2020, ġie stmat li s-SURE appoġġa bejn 25 u 30 miljun persuna, li jammontaw għal kwart tal-impjiegi totali fl-Istati Membri benefiċjarji.**.[24] Dan jammonta wkoll għal bejn wieħed u ieħor żewġ terzi tal-impjegati bi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fl-UE.[25] L-istima ċentrali ta' 26½ miljun tikkonsisti minn bejn wieħed u ieħor 21½ miljun impjegat u 5 miljun

[23] Il-pagi hawnhekk jitkejlu bħala kumpens lill-impjegati u surplus operatorju gross + introjtu mħallat tal-unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu l-unitajiet domestiċi (il-pagi tal-ħaddiema għal rashom).

[24] Filwaqt li r-rapportar tan-nefqa pubblika skont l-Istati Membri kien sodisfaċenti, ir-rapportar mitlub mill-Kummissjoni rigward id-ditti u l-persuni koperti mill-miżuri appoġġati mis-SURE, ma kienx komplut u kien eteroġenu minn Stat Membru għall-ieħor. Dan kien jirrikjedi l-użu ta' suppożizzjonijiet raġonevoli u sar rikors għal sorsi tad-*data* oħra disponibbli (ara n-noti 26 u 28 f'qiegħ il-paġna). Għaldaqstant, ir-rapport jippreżenta stimi approssimattivi dwar il-kopertura tal-persuni u tad-ditti minħabba r-rapportar inkomplut mill-Istati Membri. Ir-responsabbiltà tad-*data* tar-rapportar hija tal-Istati Membri. Għandu jiġi nnutat li l-informazzjoni rigward id-ditti u l-impjegati, li l-Kummissjoni titlob mingħand l-Istati Membri, hija bbażata fuq l-impenn tal-Kummissjoni skont it-Taqsima 2.4 tal-Qafas għall-Bonds Soċjali SURE tal-UE biex jinkisbu indikaturi u *data* rilevanti mill-Istati Membri benefiċjarji, bħall-għadd ta' impjiegi u l-għadd ta' kumpaniji koperti/appoġġati. Ir-rapportar dwar l-impatt se jkun jiddependi fuq il-kwalità u l-granularità tal-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni.

[25] Dan il-proporzjon huwa stima fuq billi d-*data* disponibbli dwar l-impjegati bi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar tirrigwarda biss l-għadd ta' persuni li applikaw għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, hija bbażata fuq ċifri li laħqu l-qofol tagħhom f'April/Mejju 2020 u ma tinkludix il-ħaddiema għal rashom. Sabiex nallinjaw aħjar din id-*data* mad-*data* dwar il-kopertura tas-SURE, eskludejna lill-ħaddiema għal rashom mill-kopertura tas-SURE u assumejna li "miżuri simili" jkopru l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.

ħaddiem għal rasu.[26] Il-Graff 7 tirrappreżenta diżaggregazzjoni skont l-Istat Membru, b'kopertura li tvarja minn 7 % għal kważi 70 % tal-impjieg totali. L-għadd ta' persuni koperti minn miżuri relatati mas-saħħa huwa diffiċli li jiġi stmat b'livell suffiċjenti ta' preċiżjoni, billi l-miżuri fl-Istati Membri huma eteroġeni. Għaldaqstant, dawn l-istimi jistgħu wkoll jitqiesu bħala konservattivi, ladarba l-appoġġ permezz tas-SURE jmur lil hinn mill-miżuri tas-suq tax-xogħol u b'hekk minnu jibbenefikaw aktar nies.

**Graff 7: Għadd ta' ħaddiema koperti mis-SURE (% tal-impjiegi totali tal-2020)**




Nota: Iċ-ċifri tal-kopertura huma dawk irrapportati mill-Istati Membri. Il-figuri taċ-Ċekja huma bbażati fuq ir-rapportar inizjali f'Awwissu 2020, għaldaqstant, iċ-ċifra aggregata tal-kopertura tippreżumi kopertura tal-impjiegi simili bħal fl-Istati Membri l-oħra. Iċ-ċifri totali tal-impjiegi huma meħuda mill-AMECO, billi tintuża d-definizzjoni tal-kontijiet nazzjonali ta' impjiegi totali, inklużi kemm il-ħaddiema li għandhom paga kif ukoll salarju, u l-ħaddiema għal rashom.

**L-istimi tal-Kummissjoni, abbażi tar-rapportar mill-Istati Membri, jindikaw li bejn 1½ miljun u 2½ miljuni ta' ditti ġew appoġġati mis-SURE fl-2020 fl-Istati Membri kollha.** Kienu biss 14-il Stat Membru li rrapportaw *data* aġġornata rigward il-kopertura tad-ditti.[27] Għall-Istati Membri li rrapportaw, kważi 800 000 ditta ngħataw appoġġ permezz tas-SURE. Dan jirrappreżenta 12 % tad-ditti totali f'dawk l-Istati Membri. Billi kien hemm xi Stati Membri benefiċjarji akbar li ma rrapportawx id-*data* mitluba, din iċ-ċifra mhijiex kompluta u l-għadd totali reali tad-ditti koperti huwa sottorappreżentat ferm. L-għadd ta' ditti koperti huwa stmat li jiżdied b'mod sinifikanti għal bejn 1½ miljun u 2½ miljuni ta' ditti meta jitqiesu l-erba' Stati

[26] Iċ-Ċekja ma rrapportat l-ebda informazzjoni aġġornata dwar il-kopertura. Iċ-ċifra aggregata tippreżumi kopertura tal-impjiegi simili hemmhekk bħal fl-Istati Membri l-oħra, jiġifieri qrib il-kwart tal-impjiegi totali. Madankollu, f'każ li t-tabella ta' rapportar taċ-Ċekja ta' Awwissu 2020 kellha tiġi kkonfermata bħala korretta, l-istima aggregata ta' persuni li jirċievu appoġġ permezz tas-SURE togħla għal 27,5 miljun ruħ. Id-diżaggregazzjoni skont l-Istat Membru fil-Graff 7 tirrapporta l-informazzjoni kif irrapportata mill-Istati Membri. Il-kopertura tal-impjiegi mill-miżuri tas-SURE hija ferm ogħla mill-kopertura tal-pagi. Dan huwa, fost l-oħrajn, minħabba l-fatt li xi persuni jaf ibbenefikaw mill-appoġġ għal xi xhur biss, minflok għas-sena sħiħa li għaliha tħallsu l-pagi.

[27] L-14-il Stat Membru li rrapportaw kopertura tad-ditti kienu l-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja. Iċ-Ċekja pprovdiet ċifri fir-rapportar inizjali biss.

Membri li jifdal, abbażi ta' suppożizzjonijiet raġonevoli.[28] L-Istati Membri li ma rrapportawx id-*data* rikjesta lill-Kummissjoni huma mistiedna jagħmlu dan għat-tieni rapport dwar is-SURE.

### *3.3 Rieżami konċiż tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili appoġġati mis-SURE*

**Mit-18-il Stat Membru li bbenefikaw mill-appoġġ permezz tas-SURE, 15-il Stat Membru għamlu dan għal għajnuna sabiex jiffinanzjaw l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.** Dawn huma programmi pubbliċi li jippermettu lin-negozji li qed jiffaċċjaw diffikultajiet ekonomiċi biex inaqqsu temporanjament is-sigħat li jaħdmu l-impjegati tagħhom, li jingħataw appoġġ pubbliku għall-introjtu għas-sigħat li ma jinħadmux. Mit-tliet Stati Membri li ma għamlux użu mill-assistenza finanzjarja permezz tas-SURE għall-iffinanzjar tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, l-Irlanda u Malta għandhom skemi simili li jipprovdu appoġġ lill-kumpaniji milquta mill-kriżi tal-COVID-19 fl-għamla ta' sussidji tal-pagi (ara aktar 'l isfel). Intant, l-Ungerija għandha fis-seħħ skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, iżda n-nefqa pubblika tagħha ġiet iffinanzjata kollha kemm hi permezz tal-Fond Soċjali Ewropew (u għalhekk ma kinitx eliġibbli permezz tas-SURE).

**Fil-maġġoranza tal-każijiet, l-iskemi appoġġati ta' xogħol b'ħinijiet iqsar huma skemi ġodda stabbiliti b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 (ara t-Tabella 6).** Dawn l-iskemi l-ġodda kollha ġew stabbiliti fuq bażi temporanja, u jiddependu mill-gwaj ekonomiku mġarrab. Il-ħames Stati Membri appoġġati mis-SURE li diġà kellhom skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fis-seħħ qabel it-tifqigħa tal-COVID-19 (il-Belġju, Spanja, l-Italja, il-Portugall u s-Slovakkja) adattawhom bħala reazzjoni għall-pandemija. Il-bidliet introdotti kienu jikkonċernaw l-aktar is-simplifikazzjoni temporanja tal-proċeduri amministrattivi, it-twessigħ tal-kopertura, l-illaxkar tal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, ġenerożità akbar (għall-impjegati u/jew għall-impjegaturi), u appoġġ li jdum aktar.

**L-iskemi kollha ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jipprovdu appoġġ għall-impjegati li kellhom il-kuntratti tagħhom sospiżi għalkollox wara li l-attivitajiet tan-negozju ġew interrotti kompletament.** Barra minn hekk, il-maġġorparti tal-iskemi (iżda mhux kollha) jipprovdu appoġġ ukoll f'każ ta' tnaqqis parzjali tas-sigħat tax-xogħol, meta l-attivitajiet tan-negozju jiġu ridotti. Filwaqt li fil-maġġorparti tal-każijiet, il-kumpaniji huma liberi li jagħżlu sa liema punt inaqqsu l-ħin tax-xogħol, f'xi pajjiżi japplikaw xi restrizzjonijiet. Pereżempju, fil-Greċja u fis-Slovenja, minbarra s-sospensjoni sħiħa tax-xogħol (f'każ ta' waqfien totali tal-attivitajiet), huwa permess biss tnaqqis minn xogħol full-time għal part-time. L-ammont ta' appoġġ pubbliku

[28] L-istima l-aktar baxxa ta' 1½ miljun tipprezumi kopertura simili tad-ditti f'dawk l-erba' Stati Membri. L-istima l-aktar għolja (2½ miljuni) tieħu inkonsiderazzjoni l-fatt li l-kopertura tal-impjiegi hija ogħla bħala medja f'dawk l-erba' Stati Membri, li tista' tissarraf f'kopertura akbar tad-ditti.

ġeneralment jiġi kkalkulat bħala perċentwal tas-salarju tal-impjegat, u jvarja minn 50 % sa 100 %. L-Anness I jipprovdi dettalji ulterjuri dwar l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.

**It-18-il Stat Membru kollha ħlief il-Bulgarija u l-Kroazja applikaw għall-appoġġ biex jiffinanzjaw "miżuri simili għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar".** F'diversi każijiet, dan seħħ apparti l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. Dawn huma miżuri li għandhom l-għan li jipproteġu lill-impjegati u lill-ħaddiema għal rashom, inaqqsu l-okkorrenza tal-qgħad u telf tal-introjtu fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, iżda li ma jaqgħux strettament taħt id-definizzjoni ta' skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, ipprovduta aktar 'il fuq. L-għadd u t-tip ta' miżuri li jaqgħu f'din il-kategorija jvarjaw b'mod konsiderevoli. Jistgħu jiġu raggruppati b'mod ġenerali kif ġej:

- *Skemi ta' sussidju tal-pagi*, bħalma nsibu fl-Irlanda u f'Malta u msemmija aktar 'il fuq, li jissussidjaw il-kostijiet lavorattivi tal-kumpaniji milquta mill-kriżi tal-COVID-19. Dawn l-iskemi jiksbu l-istess skop tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (jiġifieri jippreservaw l-impjiegi, jgħinu lill-kumpaniji biex jevitaw li jkollhom ikeċċu lill-impjegati tagħhom). Madankollu, l-appoġġ mogħti mhuwiex direttament marbut mat-tnaqqis effettiv fl-għadd ta' sigħat li nħadmu minn kull impjegat, iżda biss mat-tnaqqis fil-fatturat.
- *Miżuri li jappoġġaw lill-ħaddiema għal rashom*, preżenti fi kważi l-Istati Membri kollha li applikaw għall-appoġġ permezz tas-SURE. Dawn jinkorporaw fihom benefiċċji ta' darba ta' appoġġ għall-introjtu, mogħtija bħala ammont b'rata fissa jew inkella skont il-qligħ / telf irreġistrat preċedenti; u miżuri oħra ta' appoġġ li jnaqqsu l-kostijiet operatorji tan-negozji, sal-punt li minnhom jibbenefikaw il-ħaddiema għal rashom u l-kumpaniji b'membru wieħed. Rekwiżit ewlieni huwa li l-benefiċjarji tal-appoġġ jibqgħu jeżerċitaw il-professjoni għal rashom jew l-attività imprenditorjali tagħhom (jiġifieri ma jwaqqfux l-operat tagħhom).
- *Benefiċċji speċjali tal-liv tal-ġenituri* (il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Italja, il-Portugall, Ċipru u Malta), li jipprovdu appoġġ għall-introjtu lill-impjegati u/jew ħaddiema għal rashom bit-tfal matul perjodi ta' għeluq eċċezzjonali tal-iskejjel.
- *Appoġġ għall-ħaddiema staġjonali* (Ċipru, il-Greċja, l-Italja, Spanja) b'kuntratt ta' xogħol sospiż minħabba l-pandemija, b'mod partikolari fit-turiżmu u/jew fl-agrikoltura. Dawn huma ħaddiema staġjonali "regolari" li suppost kellhom jissoktaw bil-ħidma tagħhom fl-istaġun tar-rebbiegħa/sajf 2020, iżda ma setgħux jagħmlu dan minħabba l-pandemija tal-COVID-19.
- *Appoġġ għal taħriġ marbut ma' xogħol b'ħinijiet iqsar* (il-Belġju, il-Portugall). Dan it-tip ta' appoġġ jippromovi l-għoti ta' taħriġ vokazzjonali lil dawk il-ħaddiema li qed jaħdmu b'ħinijiet iqsar.

**Disa' Stati Membri talbu assistenza finanzjarja permezz tas-SURE biex jiffinanzjaw nefqiet relatati mas-saħħa li direttament relatati mal-emerġenza tal-COVID-19.** Din il-kategorija tinkludi:

- Liv speċjali minħabba mard għall-COVID-19 u/jew liv tal-kwarantina (Ċipru, il-Latvja, Malta, il-Portugall, Spanja).

- Kostijiet relatati ma’ żieda fir-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza għas-settur pubbliku (il-Latvja, l-Ungerija, il-Portugall).
- Miżuri bl-għan li jnaqqsu l-kostijiet tar-rekwiżiti sanitarji tas-saħħa u tas-sikurezza li żdiedu fuq il-lant tax-xogħol, għas-settur privat (l-Italja).
- Nefqa akbar għas-sistema pubblika tal-kura tas-saħħa, inklużi l-kostijiet tal-persunal (pereż. is-sahra u ż-żieda lill-persunal mediku, l-ingaġġar ta’ persunal temporanju addizzjonali (l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Portugall), xogħlijiet ta’ rinnovazzjoni fl-isptarijiet (l-Ungerija) u/jew akkwist ta’ tagħmir addizzjonali, materjal protettiv, provvisti u materjal konsumibbli (il-Belġju, l-Ungerija, il-Latvja, il-Portugall).

**Tabella 6 – Il-karatteristiċi tal-iskemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar appoġġati mis-SURE**

| **Stat Membru** | **Skema Ġdida** | **Skema permanenti/temporanja** | **Ammont ta' appoġġ (% tas-salarju)** | **Kostijiet għall-impjegatur** | **Tnaqqis fil-ħin tax-xogħol** |
|---|---|---|---|---|---|
| BE | Le | Permanenti (b'modifiki temporanji) | 70 % | - | 0-100 % |
| BG | Iva | Temporanja | 60 % | 40 % tal-kostijiet | 50 % jew 100 % |
| CZ | Iva | Temporanja | 60-80 % | 20-40 % tal-indennizz | 0-100 % |
| IE | - | - | - | - | - |
| EL | Iva | Temporanja | 60 % | - | 50 % jew 100 |
| ES | Le | Permanenti (b'modifiki temporanji) | 70 % | 0-30 % tal-kontribuzzjoniji | 0-100 % |
| HR | Iva | Temporanja | 50 % | - | 0-100 % |
| IT | Le | Permanenti (b'modifiki temporanji) | 80 % | - | 0-100 % |
| CY | Iva | Temporanja | 60 % | - | 0-100 % |
| LV | Iva | Temporanja | 50-75 % | - | 0-100 % |
| LT | Iva | Temporanja | 30-100 % | | 0-100 % |
| HU | - | - | - | - | - |
| MT | - | - | - | - | - |
| PL | Iva | Temporanja | 50 % | - | 20-100 % |
| PT | Le | Permanenti (b'modifiki temporanji) | 66-100 % | 0-30 % tal-indennizz | 0-100 % |
| RO | Iva | Temporanja | 75 % | - | 0-100 % |
| SI | Iva | Temporanja | 80 % | 0-20 % tal-indennizz | 50-100 % |
| SK | Le | Temporanja (iżda mġedda regolarment) | 80 % | - | 0-100 % |

## IV. ANALIŻI PRELIMINARI TAL-IMPATT TAS-SURE

Din it-taqsima tipprovdi analiżi preliminari tal-impatt tas-SURE fuq l-impjiegi, il-finanzi pubbliċi u effetti oħra.

### *4.1 L-istimar tal-impatt tas-SURE fuq l-impjiegi*

**Bidliet fir-rati tal-qgħad fl-Istati Membri benefiċjarji jiġu eżaminati biex jipprovdu l-ewwel valutazzjoni indikattiva tal-impatt tal-miżuri ta' appoġġ għall-politika b'rabta mal-pandemija, inkluż is-SURE.** L-iskop tas-SURE huwa li tingħata għajnuna lill-Istati Membri biex jippreservaw l-impjiegi tal-ħaddiema u tal-ħaddiema għal rashom fl-UE kollha matul il-pandemija tal-COVID-19, u għalhekk jiġu protetti ċ-ċittadini u jiġi ffaċilitat irkupru f'qasir żmien meta l-pandemija tbatti. Filwaqt li huwa diffiċli li jitfassal xenarju kontrofattwali tal-

prestazzjoni tas-suq tax-xogħol fin-nuqqas tas-SURE, l-analiżi ppreżentata hawnhekk tanalizza r-relazzjoni bejn l-output u l-qgħad minn mindu feġġet il-pandemija. Ir-riżultati għandhom jiġu interpretati b'kawtela, billi r-relazzjoni bejn l-output u l-impjiegi sofriet impatt minn sensiela wiesgħa ta' fatturi, inkluż is-SURE.

**Huwa ċar li ż-żieda fir-rati tal-qgħad fl-2020 fl-Istati Membri benefiċjarji kienet inqas milli waqt il-kriżi finanzjarja globali, minkejja t-tnaqqis aktar sever fil-PDG fl-2020 (ara l-Graff 8).** Skont it-Tbassir tax-Xitwa 2021 tal-Kummissjoni, it-tkabbir tal-PDG reali huwa previst li jonqos b'5,8 % fil-pajjiżi li bbenefikaw mill-finanzjament permezz tas-SURE fl-2020. Dan it-tnaqqis huwa akbar minn dak osservat matul il-qofol tal-kriżi finanzjarja globali fl-2009. Fl-istess waqt, huwa pprojettat li r-rata tal-qgħad se tiżdied b'0,7 punti perċentwali biss fl-2020, meta mqabbla maż-żieda ta' 2,6 punti perċentwali fl-2009.

**Graff 8: Bidliet fil-PDG reali u l-qgħad fl-Istati Membri benefiċjarji fl-2009 vs l-2020**




Nota: Din il-graff turi l-medji tal-Istati Membri benefiċjarji tas-SURE. Ir-rata tal-qgħad tal-2020 hija l-medja tar-rati tal-qgħad ta' kull xahar fl-2020.

Sors: *l-Eurostat; il-PDG tal-2020 mit-Tbassir tax-Xitwa tal-Kummissjoni għall-2021.*

**Il-kapaċità ta' rispons tal-qgħad għall-bidliet fl-output fl-2020 kienet aktar dgħajfa milli mistenni fl-Istati Membri benefiċjarji (ara l-Graffs 9, 10).**[29] Il-miżuri ta' politika f'qasir żmien u konsiderevoli li ttieħdu fl-2020 biex jindirizzaw il-kriżi mmitigaw l-impatt tat-tnaqqis qawwi fl-output fuq il-qgħad. Għaldaqstant, iż-żieda fir-rati tal-qgħad kienet, f'diversi pajjiżi, anqas milli mistennija.[30]

[29] Il-kapaċità ta' rispons tal-bidliet fit-tkabbir ekonomiku fuq il-qgħad ta' sikwit tissejjaħ bħala "l-Liġi ta' Okun" fil-litteratura ekonomika. Il-Liġi ta' Okun, li qisha aktar "regola ġenerali" milli relazzjoni bbażata fuq it-teorija, tissuġġerixxi li tnaqqis fit-tkabbir tal-output ta' bejn 2 % u 3 % huwa assoċjat ma' żieda ta' punt perċentwali fir-rata tal-qgħad (ara Okun, A.M., "Potential GNP: Its measurement and significance", Proceedings of the Business and Economic Statistics Section, American Statistical Association, 1962).

[30] Fl-Italja, ir-rata tal-qgħad saħansitra naqset fl-2020.

**Graff 9: Bidliet reali vs bidliet mistennija fir-rati tal-qgħad fl-Istati Membri benefiċjarji fl-2019 vs l-2020**




**Graff 10: Bidliet reali vs bidliet mistennija fir-rati tal-qgħad skont l-Istati Membri benefiċjarji fl-2020**




Nota: l-assi y: Il-bidla mistennija fir-rati tal-qgħad tikkorrispondi għat-tbassir li jirriżulta minn mudell tar-rigressjoni b'panel għall-Istati Membri benefiċjarji (il-Graff 9) u mudell tar-rigressjoni speċifiku għall-pajjiżi (il-Graff 10) għall-perjodu bejn l-1999 u l-2019. L-analiżi hija bbażata fuq l-approċċ tal-liġi ta' Okun, fejn il-varjabbli dipendenti jirreferi għall-bidla fir-rata tal-qgħad u l-varjabbli indipendenti jirreferi għar-rata tat-tkabbir tal-PDG reali. L-ispeċifikazzjoni tikkontrolla għall-fatturi speċifiċi għall-pajjiżi (li ma jvarjawx biż-żmien) tas-suq tax-xogħol permezz ta' effetti speċifiċi għal kull pajjiż, u tikkontrolla għall-fatturi komuni għall-kampjun permezz ta' effetti temporali fissi. Ir-riżultati jidhru jifilħu l-użu varjabbli indipendenti addizzjonali, bħal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjieg u l-bidla fir-rata ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. L-ispeċifikazzjoni tikkontrolla għall-endoġeneità tal-output bl-użu ta' stimatur GMM tal-ewwel differenza. Il-Kroazja mhijiex inkluża għal raġunijiet ta' disponibbiltà tad-*data*. Meta mqabbla mal-istudji riċenti dwar il-liġi ta' Okun,[31] il-mertu ta' din l-analiżi huwa li tiffoka fuq il-benefiċjarji tas-SURE biss u tipprova toħloq relazzjoni bejn id-differenza bejn il-qgħad reali u dak mistenni u l-ammont ta' appoġġ permezz tas-SURE.
Sors: *it-Tbassir tal-Ħarifa 2020 tal-Kummissjoni, qgħad aggregat għall-2020 mill-Eurostat (ara n-nota mal-Graff 8).*

**Raġuni ewlenija għaż-żieda aktar baxxa fir-rati tal-qgħad fl-2020 kienet dik tal-miżuri ta' appoġġ għall-politika, inkluż is-SURE (il-Graff 11).** Abbażi tal-evidenza preliminari, iż-żieda fil-qgħad aktar baxxa milli mistennija tista' tiġi attribwita parzjalment għall-użu mifrux tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, inkluż f'dawk l-Istati Membri li jibbenefikaw mill-istrument SURE. Dan għen biex jinżammu l-impjiegi u rażżan iż-żieda fil-qgħad. Fatturi oħra huma relatati mal-fatt li n-nies ma setgħux jew, qatgħu qalbhom milli jfittxu x-xogħol b'mod attiv minħabba l-għeluq ta' partijiet kbar tal-ekonomija.

[31] Pereżempju, il-Kapitolu 3 tal-Kummissjoni Ewropea (2020): Is-Suq tax-Xogħol u l-Iżviluppi tal-Pagi fl-2020.

**Graff 11: Ir-relazzjoni bejn il-bidla fir-rata tal-qgħad fl-2020 u l-finanzjament approvat mis-SURE**




Nota: l-assi y: Il-bidla mistennija fir-rati tal-qgħad tirriżulta mill-mudell tar-rigressjoni speċifiku għall-pajjiżi li jidher fil-Graff 10 u spjegata fin-nota mal-Graffs 9 u 10.
Sors: *it-Tbassir tal-Ħarifa 2020 tal-Kummissjoni.*

### *4.2 L-ixpruni tal-impatti tas-SURE: diskussjoni u riżultati bbażati fuq is-sondaġġi*

**L-impatt tas-SURE jmur lil hinn mill-preservazzjoni tal-impjiegi.** Jistgħu jiġu identifikati tliet effetti addizzjonali: it-titjib fil-fiduċja fl-UE kollha, l-appoġġ tal-UE għall-użu tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u t-tħeġġiġ tagħha biex dawn jintużaw, u li l-Istati Membri setgħu jonfqu aktar milli kieku kienu jonfqu fuq l-appoġġ għall-impjiegi. Madankollu, huwa diffiċli li dawn l-effetti jiġu stmati b'mod empiriku.

**L-ewwel nett, is-SURE tejjeb il-fiduċja ġenerali fil-kapaċità tal-UE li tirrispondi b'mod effettiv għal kriżi bla preċedent.** Il-ħila li wrew l-Istati Membri meta qablu dwar is-SURE – tip ġdid u innovattiv ta' assistenza finanzjarja skont l-Artikolu 122 TFUE b'dimensjoni soċjali u raġunament ekonomiku qawwija – u l-għoti volontarju ta' garanziji lill-UE biex jgħinu fl-iżgurar tas-solidità finanzjarja tagħha, bagħtu messaġġ b'saħħtu dwar il-kapaċità tal-UE li tirrispondi b'mod effettiv u f'qasir żmien għal tip ġdid ta' kriżi. Dan wassal ukoll għad-dinamika pożittiva meta sussegwentement tħabbar l-istrument Next Generation EU. B'mod partikolari, f'Mejju 2020, il-Kummissjoni fasslet proposta għal Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li eventwalment ġiet adottata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew fil-bidu ta' Frar 2021. Din il-kapaċità kollettiva ta' rispons rapidu għall-kriżi li nibtet mit-tifqigħa tal-COVID-19 u l-ħolqien ta' strumenti ġodda ta' emerġenza inkluż is-SURE, x'aktarx li kkontribwew għall-appoġġ tal-fiduċja fl-aġenti ekonomiċi fl-UE u biex tonqos il-firxa tar-rati tal-imgħax għat-teħid ta' self sovran tal-

Istati Membri u biex tittejjeb il-perspettiva tat-tkabbir tal-UE.[32] F'dan il-kuntest, wieħed jista' jara s-SURE bħala strument għall-immobilizzar tal-appoġġ għall-politika fiskali, u b'dan il-mod, jiżgura li pożizzjoni tal-politika fiskali li tkun ta' appoġġ u politika monetarja akkomodanti jaħdmu flimkien biex jindirizzaw il-konsegwenzi negattivi kaġun tal-kriżi.

**It-tieni nett, permezz tas-SURE, l-UE appoġġat u ħeġġet l-użu ta' politiki ta' xogħol b'ħinijiet iqsar mill-Istati Membri.** Is-SURE, billi pprovda assistenza finanzjarja lill-Istati Membri biex jgħinhom jiffinanzjaw l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għan-negozji milquta mill-pandemija, kif ukoll miżuri simili, b'mod partikolari għall-ħaddiema għal rashom, ħeġġeġ lill-Istati Membri jimxu ma' dawn it-tipi ta' politiki, anki skont il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi tal-2020. Dan l-istrument, flimkien mal-appoġġ pprovdut permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew u permezz tal-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII+), ippermetta lill-Istati Membri jkunu aktar ambizzjużi fil-politiki li introduċew.

**Il-maġġoranza tal-Istati Membri benefiċjarji indikaw li s-SURE kellu rwol fid-deċiżjoni tagħhom li jadottaw skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew li jimmodifikaw skema eżistenti**.[33] Disa' Stati Membri waqqfu skema ġdida ta' xogħol b'ħinijiet iqsar bħala rispons għall-kriżi tal-COVID-19[34] u erba' Stati Membri mmodifikaw skema eżistenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar[35]. Il-maġġorparti ta' dawn l-iskemi kienet ġiet introdotta jew immodifikata f'Marzu 2020, ftit qabel ma l-Kummissjoni pproponiet l-istrument SURE. Minn dak iż-żmien 'l hawn , ġew introdotti skemi ġodda fl-Ungerija, il-Greċja, ir-Rumanija u s-Slovenja; skemi li kienu diġà jeżistu ġew immodifikati ulterjorment mill-Italja u minn Spanja (ara t-Tabella A.1 fl-Anness 1)[36].

**Is-SURE ta lok ukoll biex xi Stati Membri jkunu aktar ambizzjużi fir-rigward ta' miżuri simili għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar.** L-Istati Membri kollha (bl-eċċezzjoni tal-Bulgarija u l-Kroazja) talbu wkoll assistenza finanzjarja permezz tas-SURE għal skemi simili għax-xogħol b'ħinijiet iqsar, li tinkludi appoġġ għall-ħaddiema għal rashom, kif ukoll miżuri oħra ta' żamma tal-impjiegi. Xi Stati Membri kienu introduċew dawn il-miżuri qabel ma ġie

[32] Ix-xiri estiż ta' assi tal-BĊE fl-ambitu tal-Programm ta' Xiri fl-Emerġenza tal-Pandemija evidentement ukoll kellu rwol biex inaqqas l-inċertezza fis-swieq. Barra minn hekk, skont il-Bulettin Ekonomiku tal-BĊE tas-7 ta' Jannar 2021, il-programmi Next Generation EU (NGEU) u SURE x'aktarx li kkontribwew għal kompressjoni tal-firxiet permezz ta' titjib fil-prospetti tat-tkabbir u fiskali tal-Istati Membri kif ukoll fis-sentiment tar-riskju: (https://www.ecb.europa.eu/pub/economic-bulletin/html/eb202008.mt.html).

[33] Il-Kummissjoni, sabiex tifhem aħjar ir-rwol possibbli li kellu s-SURE fil-ħolqien u l-użu tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili fil-livell nazzjonali fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, talbet direttament il-fehmiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, permezz ta' kwestjonarju mibgħut lill-Kumitat tal-Impjiegi. Mid-19-il Stat Membru li applikaw għall-appoġġ permezz tas-SURE, 15 ipprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju:

[34] Il-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja, ir-Rumanija u s-Slovenja. L-Ungerija ddeċidiet li tiffinanzja l-iskema l-ġdida tagħha ta' xogħol b'ħinijiet iqsar introdotta bħala rispons għall-kriżi tal-COVID-19 billi serrħet fuq il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej fil-kuntest tal-CRII u l-CRII+, u ma talbitx finanzjament fl-ambitu tas-SURE għaliha.

[35] Il-Belġju, Spanja, l-Irlanda u l-Italja. L-Irlanda ma talbitx appoġġ permezz tas-SURE għall-iffinanzjar tal-iskema eżistenti tagħha ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (stabbilita taħt "*il-benefiċċju għall-persuni li qed ifittxu impjieg*").

[36] It-Tabella II.1 tiddependi fuq l-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri fit-talbiet tagħhom għall-appoġġ finanzjarju permezz tas-SURE. Tipprovdi ħarsa ġenerali tad-dati tal-leġiżlazzjoni tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili.

propost is-SURE, u oħrajn introduċewhom wara.[37] Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri soġġetti għas-sondaġġ introduċew skemi ġodda simili għax-xogħol b'ħinijiet iqsar bħala rispons għad-disponibbiltà potenzjali tal-finanzjament mis-SURE.[38] Barra minn hekk, fi tliet Stati Membri, id-disponibbiltà tal-finanzjament permezz tas-SURE kkontribwiet għal żieda fil-baġit allokat għal dawn l-iskemi.

**It-tielet nett, bħala element bikri tar-rispons tal-politika tal-UE, is-SURE saħħaħ il-fiduċja tal-Istati Membri biex jissellfu u jonfqu aktar milli kieku kien jagħmlu.** Is-SURE ppermettilhom ukoll iżommu jew iżidu l-intensità tan-nefqa pubblika tagħha fuq l-appoġġ għall-impjiegi. Dan huwa partikolarment minnu meta l-finanzjament ikun disponibbli b'rati tassew baxxi u offrut b'maturità twila biżżejjed, bħalma huwa SURE. Dan it-teħid ta' self addizzjonali jista' jkun rigward l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew inkella rigward politiki relatati mal-pandemija, billi l-assistenza finanzjarja permezz tas-SURE tippermettilhom ukoll li jallokaw mill-ġdid il-finanzjament li kienu ppjanaw għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għal oqsma oħra ta' politika aktar mifruxa biex jindirizzaw l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija.

**Il-maġġoranza tal-Istati Membri benefiċjarji indikaw li l-appoġġ permezz tas-SURE kellu rwol fiż-żieda temporanja tal-kopertura u l-ġenerożità tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u l-finanzjament ġenerali tal-politiki biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-COVID-19.**[39] Sitt Stati Membri indikaw li l-baġit tal-iskemi rispettivi tagħhom ta' xogħol b'ħinijiet iqsar żdied wara li l-Kummissjoni pproponiet il-ħolqien tas-SURE. Fi tnejn minn dawn il-każijiet, is-SURE tqies li kellu livell għoli ta' influwenza fuq id-deċiżjoni.

### *4.3 Lenti mixħuta fuq l-effett finanzjarju dirett: iffrankar stmat mir-rati tal-imgħax*

**Għadd ta' Stati Membri ffrankar mill-pagamenti tal-imgħax meta rċevew assistenza finanzjarja permezz tas-SURE**. Is-self fl-ambitu tas-SURE lill-Istati Membri offra rati tal-imgħax aktar baxxi milli kieku ħarġu d-dejn sovran huma stess biex jiffinanzjaw skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili. Il-bonds soċjali tas-SURE nħarġu b'rati tassew baxxi, anki b'maturitajiet fit-tul, minħabba l-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-UE u l-likwidità tal-bonds.

**Huwa stmat li l-Istati Membri ffrankaw total ta'madwar EUR 5,8 biljun matul l-ewwel erba' operazzjonijiet ta' ħruġ ta' bonds tas-SURE, jiġifieri sal-iżborż tat-2 ta' Frar 2021**. Dan l-ammont se jiżdied bi żborżi ulterjuri. Għaldaqstant, l-istimi indikati x'aktarx li jikkorrispondu għal-livell inferjuri u se jiżdiedu hekk kif iseħħ l-iżborż ta' EUR 36,8 biljun li

[37] Il-leġiżlazzjoni dwar dawn l-iskemi "simili" tfasslet qabel it-2 ta' April (f'Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda, il-Polonja u s-Slovenja), wara t-2 ta' April (fi Spanja, l-Ungerija u ċ-Ċekja), jew f'diversi mumenti fl-iżvolġiment tal-kriżi, bejn Marzu u Lulju 2020 (fil-Belġju, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, Malta u r-Rumanija, ara t-Tabella II.1).
[38] Ara n-nota 33 f'qiegħ il-paġna.

[39] Ara n-nota 33 f'qiegħ il-paġna.

għadhom iridu jiġu żborżati. It-Tabella 7 tipprovdi diżaggregazzjoni tal-iffrankar mill-imgħax skont l-Istat Membru, filwaqt li l-Kaxxa 1 tispjega l-metodoloġija f'aktar dettall.[40]

**Kaxxa 1: Il-Kalkolu tal-Iffrankar mir-Rati tal-Imgħax**

Mill-EUR 53,5 biljun maħruġa fl-ewwel erba' tranżazzjonijiet, il-Kummissjoni setgħet tikseb termini favorevoli, b'rendimenti li jvarjaw minn -0,51 % sa +0,32 %, skont il-maturità u d-data tal-ħruġ. Dawn it-termini ngħaddew direttament lill-Istati Membri permezz tas-self back-to-back. It-termini tal-finanzjament tal-Istati Membri stess fil-waqt tal-iżborż b'mod ġenerali kienu inqas favorevoli minn dawk li kisbet il-Kummissjoni. Għaldaqstant, is-self żborżat permezz tas-SURE ġġenera ffrankar mill-imgħax għall-Istati Membri.

Biex jinħadmu l-ammonti tal-iffrankar, issir is-suppożizzjoni li, fin-nuqqas tas-self mis-SURE, l-Istati Membri kienu joħorġu bonds bl-istess karatteristiċi (jiġifieri maturità u kupuni) bħall-bonds SURE tal-UE dakinhar li ġie żborżat is-self. Id-differenza bejn il-prezz tal-ħruġ ta' kull bond SURE tal-UE u l-prezz ta' ħruġ ta' dan il-bond kontrofattwali, immultiplikata bl-ammont tas-self, tipprovdi stima tal-iffrankar mill-imgħax. Din id-differenza hija frott il-firxiet bejn il-kurvi tar-rendiment nazzjonali u tal-UE tas-SURE fil-waqt tal-iżborż u l-istruttura tal-maturità ta' kull self.

Il-maturità medja tas-self tas-SURE hija taħt, iżda qrib, il-15-il sena fl-Istati Membri kollha, u l-firxa medja bejn ir-rendimenti nazzjonali u r-rendimenti tal-UE tas-SURE hija madwar 0,8 pp. Minħabba f'hekk, l-iffrankar totali mill-imgħax fiċ-ċiklu ta' ħajja tas-self huwa stmat għal EUR 5,8 biljun, jew madwar 11 % tal-ammont żborżat, fil-15-il Stat Membru li rċevew żborż sat-2 ta' Frar 2021 (it-Tabella 6). L-Istati Membri b'firxiet ogħla jew inkella bi żborżi akbar huma dawk li l-aktar ibbenefikaw mit-termini favorevoli li kisbet il-Kummissjoni.

**Tabella 7: Iffrankar mir-Rati tal-Imgħax skont l-Istat Membru**

| Stat Membru | Ammont żborżat (biljuni ta' EUR) | Firxa medja | Maturità medja | Iffrankar mill-imgħax (biljuni ta' EUR) | Iffrankar mill-imgħax (% tal-ammont żborżat) |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 4,0 | 0,11 | 14,9 | 0,098 | 2,4 |
| Ċipru | 0,5 | 0,64 | 14,7 | 0,048 | 10,1 |
| Il-Greċja | 2,7 | 0,74 | 14,8 | 0,264 | 9,7 |
| Spanja | 11,0 | 0,44 | 14,9 | 0,850 | 7,7 |
| Il-Kroazja | 0,5 | 1,16 | 13,3 | 0,082 | 16,1 |
| L-Ungerija* | 0,5 | 2,53 | 14,7 | 0,154 | 30,5 |
| L-Italja | 21,0 | 0,98 | 14,0 | 2,835 | 13,5 |

[40] Is-SURE kien wieħed mill-ewwel elementi tar-rispons bla preċedent tal-UE għal kriżi bla preċedent. Dan ir-rispons kumplessiv kien strumentali biex ir-rendiment fuq id-dejn pubbliku nżamm eċċezzjonalment baxx fl-Istati Membri li huma l-akbar benefiċjarji mis-SURE. Dawn l-istimi jeskludu kull effett ta' fiduċja addizzjonali possibbli li strumenti ta' emerġenza ġodda, inkluż is-SURE, jaf kellhom fuq il-fiduċja fl-aġenti ekonomiċi u l-firxa tar-rata tal-imgħax għat-teħid ta' self sovran tal-Istati Membri (ara n-nota 32 f'qiegħ il-paġna aktar 'il fuq).

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Litwanja | 0,3 | 0,10 | 13,3 | 0,005 | 1,8 |
| Il-Latvja | 0,2 | 0,19 | 14,8 | 0,006 | 3,2 |
| Malta | 0,1 | 0,63 | 13,3 | 0,012 | 9,7 |
| Il-Polonja | 5,3 | 0,41 | 14,9 | 0,355 | 6,7 |
| Il-Portugall | 3,0 | 0,57 | 14,6 | 0,242 | 8,1 |
| Ir-Rumanija | 3,0 | 2,19 | 14,6 | 0,824 | 27,5 |
| Is-Slovenja | 1,1 | 0,23 | 14,8 | 0,047 | 4,3 |
| Is-Slovakkja | 0,3 | 0,09 | 14,6 | 0,004 | 1,3 |
| **Total** | **53,5** | **0,76** | **14,5** | **5,826** | **10,9** |

*Nota: L-iffrankar mill-imgħax jinħadem bond b'bond, u ttotalizzat bid-dati tal-ħruġ u l-maturitajiet. L-Istati Membri ssellfu mill-UE b'maturitajiet medji differenti. Għall-Istati Membri li għalihom kien hemm proporzjon kbir ta' teħid ta' self b'maturitajiet fit-tul jew fit-tul ħafna, ix-xejra hija li l-iffrankar totali mill-imgħax ikun ogħla mill-prodott tal-firxa medja u l-maturità medja. Dan huwa minħabba li l-firxa u l-maturità huma ġeneralment korrelatati pożittivament, jiġifieri l-kurvi tar-rendiment tal-UE tas-SURE għandhom ħabta jkunu aktar ċatti mill-kurvi tar-rendiment nazzjonali.*

** Għall-Ungerija ma hemm l-ebda kurva tar-rendiment għall-bonds denominati bl-euro disponibbli. Minflok intużat il-kurva tar-rendiment bil-munita nazzjonali.*

## 5 IL-KONTINWAZZJONI TAĊ-ĊIRKOSTANZI EĊĊEZZJONALI LI JIĠĠUSTIFIKAW L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT SURE

**Ir-Regolament SURE jesiġi wkoll li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-kontinwazzjoni taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-istrument SURE.**[41] Bl-infezzjonijiet li reġgħu żdiedu ġmielhom mill-ħarifa 'l hawn, iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li rrikjedew l-introduzzjoni tas-SURE u miżuri ta' emerġenza għall-impjiegi bħala appoġġ għaċ-ċittadini, għadhom hemm. Żieda mill-ġdid tal-każijiet tal-COVID-19 ifflaġellat l-Ewropa sa mill-ħarifa 2020, inkluża t-tfeġġija ta' varjanti ġodda u aktar virulenti, li wasslet għal issikkar sinifikanti tar-restrizzjonijiet. Mill-25 ta' Frar 2021, l-inċidenza ta' 14-il jum tal-virus kienet ta' 283 għal kull 100 000 abitant fl-UE/ŻEE, anqas min-nofs tal-livell li kien hemm f'Novembru 2020, iżda xorta waħda ferm aktar mill-inċidenza tas-sajf li għadda meta r-restrizzjonijiet ġew illaxkati għall-ewwel darba.[42] L-isptarijiet u l-unitajiet tal-kura intensiva laħqu jew kienu kważi waslu biex jilħqu l-kapaċità massima f'diversi Stati Membri kmieni fl-2021.

**L-issikkar għal darb'oħra tar-restrizzjonijiet waqqaf l-irkupru wara li ġie reġistrat li l-attività ekonomika rkuprat fit-tielet trimestru tal-2020.** Filwaqt li l-impatt ekonomiku ma kienx sever daqs dak imġarrab fl-ewwel mewġa tal-pandemija, minħabba l-użu ta' restrizzjonijiet aktar immirati u l-adattament tan-negozji u tal-individwi għar-restrizzjonijiet, xorta waħda kien hemm waqfien ħesrem fl-irkupru. Fir-raba' trimestru tal-2020, il-PDG reali ċkien b'0,4 % fuq bażi trimestrali fl-UE, wara li żdied bi 11,5 % fit-tielet trimestru. Bil-miżuri ta' konteniment li għadhom fis-seħħ fl-Ewropa kollha, huwa previst tnaqqis ulterjuri fl-ewwel kwart tal-2021. It-Tbassir tax-Xitwa tal-Kummissjoni, ippubblikat fil-11 ta' Frar 2021, jipprojetta tkabbir tal-PDG reali ta' 3,7 % għall-UE fl-2021, wara tnaqqis bla preċedent ta' 6,3 % fl-2020. [43] Għaldaqstant, il-livell tal-PDG fi tmiem l-2021 jibqa' ta' 2,8 punti perċentwali taħt il-livell tagħha tal-2019 ta' qabel il-kriżi.

**L-irkupru qawwi fl-industrija jikkuntrasta mal-attività dgħajfa fis-servizzi.** Il-produzzjoni industrijali kompliet tirpilja fl-UE fir-raba' trimestru tal-2020, u kważi reġgħet laħqet il-livelli ta' qabel il-kriżi. Kuntrarjament għal dan, wara l-irkupru sħiħ tiegħu fis-sajf, il-bejgħ bl-imnut iddgħajjef għal darb'oħra fil-ħarifa billi r-restrizzjonijiet saru aktar stretti fl-UE kollha, filwaqt li xi servizzi, pereż. it-turiżmu, ma rkupraw qatt mix-xokk inizjali f'Marzu 2020.

**L-aħħar restrizzjonijiet għal darb'oħra kellhom impatt qawwi fuq setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema bħall-ospitalità, id-divertiment u t-turiżmu.** Ir-restrizzjonijiet sanitarji qed ikomplu jolqtu bil-qawwi dawn is-setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema. Il-ħtieġa mhux issodisfata tal-impjiegi, jiġifieri l-istaġnar fis-suq tax-xogħol, tindika impatti severi.[44] Barra minn hekk, ir-rata tal-qgħad hija projettata li tiżdied fl-2021, hekk kif il-mezzi ta' appoġġ għall-impjiegi jibdew

---

[41] L-Artikolu 14(1) tar-Regolament SURE.

[42] *Data* meħuda miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard: https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/data-national-14-day-notification-rate-covid-19

[43] It-Tbassir Ekonomiku Ewropew, Xitwa 2021 (*Interim*), European Economy Institutional Papers Nru 144 - https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/economy-finance/ip144_en_1.pdf

[44] L-istaġnar fis-suq tax-xogħol huwa definit bħala s-somma tal-persuni qiegħda, il-ħaddiema part-time sottoimpjegati, il-persuni li qed ifittxu impjieg iżda li mhumiex disponibbli immedjatament u l-persuni disponibbli għax-xogħol iżda li mhumiex qed ifittxuh, espressa bħala perċentwal tal-forza tax-xogħol estiża. Ara t-Tbassir tax-Xitwa 2021 tal-Kummissjoni għal aktar dettall.

jersqu lejn tmiemhom u n-nies jibdew ifittxu xogħol b'mod attiv ladarba l-ekonomiji huma mistennija li jerġgħu jiftħu.[45]

**Filwaqt li huwa mistenni li l-attività terġa' tirpilja b'mod moderat fit-tieni trimestru u b'mod aktar vigoruż fit-tielet trimestru, għad hemm inċertezza sinifikanti u riskji għoljin marbuta mal-perspettiva ekonomika**. Ir-riskji pożittivi huma prinċipalment relatati mal-possibbiltà li l-proċess tat-tilqim iwassal għal illaxkar aktar veloċi milli previst tal-miżuri ta' konteniment u b'hekk għal irkupru li jasal qabel u jkun aktar b'saħħtu. It-tkabbir ekonomiku jista' jibbenefika wkoll minn domanda qawwija li baqgħet soppressa, bis-saħħa ta' tfaddil tal-unitajiet domestiċi storikament għoli, kostijiet baxxi ta' finanzjament, u politiki ta' appoġġ. Mil-lat negattiv, il-varjanti l-ġodda jew organizzazzjoni tad-distribuzzjoni tal-vaċċin li ddum ma tirranka jistgħu jdewmu t-tneħħija tal-miżuri ta' konteniment, b'effetti negattivi fuq il-fiduċja li jwasslu għal tfaddil ulterjuri prekawzjonali u ttardjar fid-deċiżjonijiet ta' investiment. Dan jenfasizza l-bżonn li l-ekonomija u l-impjiegi ma jitneħħilhomx l-appoġġ għall-politika, biex jiġu evitati ġerħiet aktar fondi fit-tessut ekonomiku u soċjali Ewropew.[46] Miżuri ta' politika rilevanti jinkludu l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar eliġibbli għall-appoġġ permezz tas-SURE kif ukoll dawk li jippromovu l-ħolqien tal-impjiegi u t-tranżizzjonijiet professjonali, skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi[47].

**Mit-tfassil tiegħu, is-SURE huwa strument *temporanju* u aktar minn 90 % tar-riżorsi tiegħu diġà ġew impenjati.** Iż-żamma tal-politiki li għandhom l-għan li jżommu lin-nies fl-impjiegi attwali tagħhom lil hinn minn dak li hu ġġustifikat miċ-ċirkostanzi, tabilħaqq taf iżomm lura l-irkupru minflok tippromovih. Jekk il-fażi ta' emerġenza tmajna matul l-2021, is-sitwazzjoni jaf tkun tirrikjedi miżuri oħra, b'mod partikolari politiki attivi tas-suq tax-xogħol bħall-inċentivi għall-ingaġġar u appoġġ intraprenditorjali, opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, u appoġġ imtejjeb mis-servizzi għall-impjiegi.

## 6 OBBLIGI TA' RAPPORTAR FL-AMBITU TAL-QAFAS GĦALL-BONDS SOĊJALI SURE TAL-UE

**Din it-taqsima tipprovdi r-rapportar rilevanti skont it-Taqsima 2.4 tal-Qafas għall-Bonds Soċjali SURE tal-UE (il-Qafas).** Dan jinkludi rapportar dwar l-allokazzjoni tar-rikavati tas-SURE skont l-Istat Membru benefiċjarju u skont it-tip prinċipali previst ta' Nefqa Soċjali Eliġibbli kif ukoll ir-rapportar dwar l-impatt.

**L-introduzzjoni tas-SURE kienet ukoll tagħmel parti mill-impenn tal-UE għall-finanzi sostenibbli, li wassal ulterjorment għal żvilupp tas-suq għall-bonds soċjali.** Fis-7 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni ħabbret li kienet se toħroġ il-bonds kollha ta' SURE bħala bonds soċjali u adottat il-Qafas għall-Bonds Soċjali tal-UE. Il-bonds soċjali joffru lill-investituri assi li r-rikavati tiegħu jintużaw biex jippromovu eżiti soċjali pożittivi.

[45] Skont it-Tbassir tal-Ħarifa 2020 tal-Kummissjoni Ewropea.
[46] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM (2021)105), *Sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali*, tinnota li l-"irtirar prematur tal-appoġġ fiskali għandu jiġi evitat. Il-politika fiskali hija għodda effettiva, speċjalment f'ambjent inċert. Ir-riskji ta' rtirar bikri huma ogħla mir-riskji assoċjati maż-żamma fis-seħħ ta' miżuri ta' appoġġ għal wisq żmien."
[47] https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=23699&langId=en

**Il-Qafas jipprovdi garanziji lill-investituri li huwa konformi mal-Prinċipji tal-Bonds Soċjali tal-ICMA**.[48] Dawn tal-aħħar huma mistennija jaċċertaw li r-rikavati tas-SURE jintużaw biex jiffinanzjaw il-miżuri ta' politika soċjali mmirati. It-Taqsima 2.4 tal-Qafas tistabbilixxi impenn ta' rapportar dwar għadd ta' elementi ta' rapportar biex tiġi aċċertata t-trasparenza f'dan ir-rigward, b'mod speċifiku dwar l-allokazzjoni u l-impatt tar-rikavati mis-SURE.

**L-ewwel nett, fir-rigward tal-allokazzjoni, id-diżaggregazzjoni tar-rikavati tas-SURE skont l-Istat Membru benefiċjarju u skont it-tip prinċipali previst ta' Nefqa Soċjali Eliġibbli għandha tiġi rrapportata**. Id-diżaggregazzjoni tar-rikavati mogħtija u żborżati lil kull Stat Membru tinsab fit-Taqsima II (ii) ta' dan ir-rapport. Minn Frar 2021, ħames Stati Membri rċevew l-ammont totali mogħti lilhom mill-Kunsill, żewġ Stati Membri rċevew bejn wieħed u ieħor tliet kwarti tal-ammont, u tmien Stati Membri rċevew bejn wieħed u ieħor nofsu. It-Taqsima III.1 tiddeskrivi l-allokazzjoni skont it-tip ta' nefqa eliġibbli, jiġifieri miżuri tas-suq tax-xogħol vs miżuri relatati mas-saħħa, għall-Istati Membri kollha benefiċjarji tas-SURE. Kumplessivament, EUR 94 biljun jew 95 % tan-nefqa pubblika huma allokati għall-miżuri tas-suq tax-xogħol. Dan il-proporzjon ma jinbidilx meta jiġu esklużi l-Bulgarija, iċ-Ċekja u l-Irlanda, li għadhom ma rċevewx l-iżborżi.

**It-tieni nett, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrapporta dwar l-impatt tar-rikavati tas-SURE abbażi tal-informazzjoni li l-Istati Membri benefiċjarji jridu jipprovdu dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata kull sitt xhur.** Dan jista' jinkludi, pereżempju, *data* fuq l-għadd ta' persuni u ditti koperti jew appoġġati mill-politiki ffinanzjati. Il-Qafas jinnota li dan ir-rapportar se jiddependi fuq il-kwalità u l-granularità tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri. It-Taqsima III.2 ta' dan ir-rapport tippreżenta stimi tal-perċentwal tal-impjegati u ħaddiema għal rashom koperti mill-istrument. Kwart tal-impjegati u tal-ħaddiema għal rashom huwa stmat li rċevew appoġġ permezz tas-SURE fl-Istati Membri benefiċjarji kollha fl-2020.

**L-impatt tas-SURE huwa analizzat ukoll fit-Taqsima IV ta' dan ir-rapport.** Jintwera li l-qgħad ma żdiedx daqs kemm kien mistenni fl-2020 fl-Istati Membri benefiċjarji kollha, meta wieħed iqis it-tnaqqis sinifikanti fl-output li ġarrbu, li jindika li s-SURE kkontribwixxa biex jiġi evitat it-telf tal-impjiegi. Impatti pożittivi oħra tas-SURE, inklużi t-titjib tal-fiduċja fl-ekonomija tal-UE, it-tħeġġiġ ta' skemi ambizzjużi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, u ffrankar mill-imgħax għall-Istati Membri, ukoll huma diskussi hemmhekk.

**Kumplessivament, ir-rikavati tas-SURE li ngħataw u ġew żborżati lill-Istati Membri ġew allokati għan-nefqa pubblika fuq l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili.** Bħala tali, dawn intużaw biex jiffinanzjaw miżuri ta' politika soċjali, skont l-iskop stess tal-bonds soċjali.

[48] https://www.icmagroup.org/assets/documents/Regulatory/Green-Bonds/June-2020/Social-Bond-PrinciplesJune-2020-090620.pdf

**Anness 1: Ħarsa ġenerali lejn l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili**

**Tabella A.1: Skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili skont l-Istat Membru**

| **Pajjiż** | **Skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar** | | | | **Skemi simili għax-xogħol b'ħinijiet iqsar** (dati tal-leġiżlazzjoni, fejn disponibbli, abbażi tar-rikjesti għall-appoġġ permezz tas-SURE) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Skema/i ġdida/ġodda jew eżistenti** | **Data tal-leġiżlazzjoni** | **Isem** | **Tip ta' skema** | **Għall-ħaddiema għal rashom** | **Li jappoġġaw il-kostijiet lavorattivi** | **Li jipproteġu lill-impjegati** |
| **BE** | L-iskema eżistenti estiża/mmodifika ta minħabba l- | it-30 ta' Marzu 2020 | *"Chômage temporaire/tijdelijke werkloosheid"* | Permanenti | l-20, 23 ta' Marzu, is-6, 7, 10 ta' April, it-12 ta' Ġunju, l-20 ta' | it-23 ta' April, l-14 ta' Mejju, id-19 ta' Ġunju 2020 | is-7 ta' April, it-13 ta' Mejju 2020 |
| **BG** | Skema ġdida | it-30 ta' Marzu (att oriġinali) u t-2 ta' Lulju 2020 (estensjoni) | Skema 60-40 | Temporanja | - | - | - |
| **CY** | Skemi ġodda | (data mhux disponibbli) | Skema li tappoġġa l-Kumpaniji għas-Sospensjoni Totali tal-Operazzjonijiet tagħhom, Skema li tappoġġa l-Kumpaniji għas-Sospensjoni Parzjali tal-Operazzjonijiet tagħhom | Temporanja | Iva (data mhux disponibbli) | Iva (data mhux disponibbli) | Iva (data mhux disponibbli) |
| **CZ** | Skema ġdida | il-31 ta' Marzu 2020 | Il-Programm Antivirus – Opzjonijiet A u B | Temporanja | id-19, 26, 31 ta' Marzu, id-9 ta' April, l-4, 18 ta' Mejju 2020 | it-8 ta' Ġunju 2020 | - |
| **EL** | Skemi ġodda | l-14 ta' Marzu 2020; | "*Synergasia*" Skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar; | Temporanja | l-20 ta' Marzu 2020 | l-14 ta' Marzu 2020 | - |

| Pajjiż | Skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar | | | | Skemi simili għax-xogħol b'ħinijiet iqsar (dati tal-leġiżlazzjoni, fejn disponibbli, abbażi tar-rikjesti għall-appoġġ permezz tas-SURE) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Skema/i ġdida/ġodda jew eżistenti** | **Data tal-leġiżlazzjoni** | **Isem** | **Tip ta' skema** | **Għall-ħaddiema għal rashom** | **Li jappoġġaw il-kostijiet lavorattivi** | **Li jipproteġu lill-impjegati** |
| | | l-14 ta' Ġunju 2020. | Allokazzjoni speċjali pprovduta lill-impjegati li l-kuntratti ta' xogħol tagħhom ġew sospiżi | | | | |
| **ES** | L-iskema eżistenti estiża/mmodifikata minħabba l-COVID-19 | is-17 ta' Marzu, it-12 ta' Mejju, is-26 ta' Ġunju | "*Expediente de Regulación Temporal de Empleo*" | Permanenti | is-17 ta' Marzu, il-31 ta' Marzu, is-26 ta' Ġunju | it-12, 17 ta' Marzu, il-21 ta' April, it-12 ta' Mejju, is-26 ta' Ġunju 2020 | |
| **HR** | Skemi ġodda | it-30 ta' Marzu 2020, u kontinwazzjoni approvata fit-tieni nofs tal-2020 | Sussidji li jippreservaw l-impjiegi fis-setturi milquta mill-COVID-19; Għajnuna għas-sigħat tax-xogħol ridotti | Temporanja | - | - | - |
| **HU** | Skema ġdida (appoġġata mill-FSE, mhux eliġibbli għall-appoġġ permezz tas-SURE) | l-10 ta' April, is-17 ta' Ġunju 2020 | Skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar | Temporanja | it-13 ta' Mejju, it-22 ta' Ġunju, | it-18, 23 ta' Marzu | it-23 ta' Marzu |
| **IE** | Skema eżistenti | - | Benefiċċju għall-persuni li qed ifittxu impjieg (parzjali) | Permanenti | - | "*Temporary wage subsidy scheme*", is-26 ta' Marzu 2020 | - |

| Pajjiż | Skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar | | | | **Skemi simili għax-xogħol b'ħinijiet iqsar** (dati tal-leġiżlazzjoni, fejn disponibbli, abbażi tar-rikjesti għall-appoġġ permezz tas-SURE) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Skema/i ġdida/ġodda jew eżistenti** | **Data tal-leġiżlazzjoni** | **Isem** | **Tip ta' skema** | **Għall-ħaddiema għal rashom** | **Li jappoġġaw il-kostijiet lavorattivi** | **Li jipproteġu lill-impjegati** |
| **IT** | L-iskema eżistenti estiża/mmodifikata minħabba l-COVID-19 | is-17 ta' Marzu 2020, id-19 ta' Mejju 2020 u estensjonijiet | *"Cassa integrazione guadagni"* | Permanenti | is-17 ta' Marzu 2020, id-19 ta' Mejju 2020 u estensjonijiet ulterjuri | | |
| **LT** | Skema ġdida | id-19 ta' Marzu 2020 | Sussidju għall-pagi għal waqt żmien ta' waqfien mix-xogħol | Temporanja | id-19 ta' Marzu 2020, l-1 ta' Awwissu 2020 | il-15 ta' Mejju 2020 | |
| **LV** | Skema ġdida | is-26 ta' Marzu 2020 | Kumpens għall-ħaddiema wieqfa | Temporanja | il-31 ta' Marzu 2020 | il-21 ta' Marzu 2020 | |
| **MT** | - | - | - | - | - | *"Temporary wage subsidy scheme"*, it-13 ta' April 2020 | il-25 ta' Marzu 2020 |
| **PL** | Skema ġdida | it-2 ta' Marzu | Sussidji għal xogħol b'ħinijiet iqsar | Temporanja | it-2 ta' Marzu | it-2 ta' Marzu | - |
| **PT** | L-iskema eżistenti estiża/mmodifikata (temporanjament) minħabba l- | is-26 ta' Marzu 2020 | Appoġġ għaż-żamma tal-impjieg | Permanenti | it-13 ta' Marzu, is-6 ta' Ġunju 2020 | is-26 ta' Marzu, is-6 ta' Ġunju, id-19 ta' Ġunju, it-30 ta' Lulju, il-31 ta' Diċembru 2020 | it-13 ta' Marzu, is-26 ta' Marzu, id-19 ta' Ġunju, it-30 ta' Lulju, il-31 ta' Diċembru 2020 |
| **RO** | Skemi ġodda | il-21 ta' Marzu 2020, id-29 ta' Mejju 2020, is-7 ta' Awwissu 2020 | Qgħad tekniku, arranġamenti ta' xogħol flessibbli | Temporanja | it-18 ta' Marzu 2020, is-7 ta' Awwissu 2020 | - | - |
| **SI** | Skemi ġodda | it-28 ta' Marzu 2020, | Skema ta' żamma tal-impjiegi u kumpens għall- | Temporanja | it-28 ta' Marzu 2020 | it-28 ta' Marzu 2020 | - |

| Pajjiż | Skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar | | | | **Skemi simili għax-xogħol b'ħinijiet iqsar** (dati tal-leġiżlazzjoni, fejn disponibbli, abbażi tar-rikjesti għall-appoġġ permezz tas-SURE) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Skema/i ġdida/ġodda jew eżistenti** | **Data tal-leġiżlazzjoni** | **Isem** | **Tip ta' skema** | **Għall-ħaddiema għal rashom** | **Li jappoġġaw il-kostijiet lavorattivi** | **Li jipproteġu lill-impjegati** |
| | | it-30 ta' Mejju 2020 | pagi, u skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar | | | | |
| **SK** | L-iskema eżistenti estiża/mmodifikata minħabba l-COVID-19 | (data mhux disponibbli) | Skema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar | Temporanja | Iva (data mhux disponibbli) | - | - |